Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 341 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Ian J. Abdilla

Vs

Christopher Cassar

Illum 28 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Christopher Cassar, detenur tal-karta tal-identita Maltija 578165M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, matul l-1989, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar fi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn merkanzija u flus b' valur li jeccedi l-Lm45,000, liema flus u merkanzija kienu ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing)[1] Ltd u li kienu gew fdati jew ikkunsinjati lilu minhabba l-kariga jew servizz tieghu u cioe fil-kapacita` tieghu bhala 'salesman' impjegat mal-imsemmija socjeta`, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus u merkanzija jew li jsir uzu minnhom specifikat (Art. 293 u 294 ta' Kap. 9);

[1] Korrezzjoni awtorizzata b' digriet tal-14 ta' Marzu, 1991.

2. Ghamel falsifikazzjonijiet f'atti awtentici, jew fi skritturi kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamel uzu minn skrittura falsifikata imsemmija (Art. 183 u 184 ta' Kap. 9).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz illi waqt l-ezami tieghu, limputat wiegeb illi mhuwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll in-Nota tal-Avukat Generali[2], li permezz taghha indika li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293, 294, 183, 184 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, filwaqt illi sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni (izda ghar-ragunijiet fuq indikati mhux dwar flejjes li jeccedu s-somma ta' hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000), izda fis-somma ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47)) u ikkundannatu ghall-piena ta' tnax-il xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gew sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati sabiex ihallas lid-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. is-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

[2] A fol. 147 tal-process.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll il-konsegwenzi ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9, kemm il-darba l-hlas fuq imsemmi ma jsirx fil-perjodu indikat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Christopher Cassar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **joghgobha, fl-isfond tas-suespost,tirrevoka is-sentenza moghta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Lulju tas-sena korrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi.**

Rat illi wara li din il-Qorti permezz ta' sentenza preliminari datata l-25 ta' April 2019 cahdet l-eccezzjoni ta' nullita' tar-rikors tal-appell sollevata mill-Avukat Generali, l-appellant permezz ta' rikors datat it-2 ta' Mejju, 2019, talab korrezzjoni fit-talba tal-appell tieghu sabiex taqra kif isegwi:

'*Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti fl-Ewwel Grad u filwaqt li jirriserva li jipproduci dawk il-provi permessi mill-Ligi fi stadju tat-trattazzjoni ta' dana l-appell. jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

*1. Tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Lulju 2018 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha fejn in forza tal-istess l-esponent gie liberat mit-tieni akkuza dedotta kontra tieghi ai termini ta-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirrevokaha fejn permezz tal-istess sentenza l-esponent instab hati tal-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu ghat-tenur tal-Artikolu 293 u 294 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflokk tiddikjarah mhux hati ta' dina l-akkuza u konsegwentement tilliberah minnha;*
*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-esponent mill-piena konsegwenzajali fuq inflitta u ghalhekk thassar din il-piena ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.*"

Din il-Qorti permezz ta' digriet datat l-14 ta' Mejju 2019 laqghet dik it-talba ghal korrezzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huma car u manifest u jikkonsisti f' dan li gej:

A. B' referenza ghall-akkuza skond id-disposti tal-Artiklu 293 u 294 tal-Kap 9 jigi rilevat li fil-kors tar-relazzjoni tal-esponent mad-ditta surriferita, kif intqal supra, kien hemm kazijiet meta l-invoices relattivi ghall-merkanzija lill-esponent kien gie inkarigat li jbiegh, gew emessi f' isem l-esponent b' mod li huwa assuma l-kwalita' guridika ta' klijent ta' din id-ditta bl-obbligu li huwa stess ihallas iI-prezz tal-merkanzija mibjugha. Pero' kien hemm kazijiet ohra meta l-istess ditta kienet in oltre tohrog ricevuti "cash sale" lill-esponent fl-liema kaz kien javvera ruhu t-trasferiment tal-propieta' tal-merkanzija lill-esponent. Fiz-zewg kazijiet l-esponent kien isir il-propietarju tal-merkanizja bl-obbligu li jhallas il-prezz dovut lill-imsemmija ditta.

   Huwa sottomess illi fiz-zewg ipotesi u cioe' meta id-ditta kienet tohrog invoice direttament lill-esponent bil-presuppost li huwa kien tenut li jhallas il-prezz dovut kif ukoll meta kienet taghtih ricevuta cash sale kienet tinholoq relazzjoni guridika bejn din id-ditta u l-esponent ta' bejjiegh u xerrej. Fiz-zewg ipotesi l-obbligu tar-radd tal-"valur" tal-merkanzija gie estint u minflok tnissel l-obbligu tal-hlas tal-prezz pattwit ghall-akkwist tal-merkanzija mill-esponent ossija, in effetti, giet fis-sehh relazzjoni guridika li kienet purarnent ta' natura civili.

   Konsegwentement ma kienx jissussisti bazi legali biex jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tal-esponent ai termini tad-disposizzjonijiet surriferiti stante li l-ipotesi tar-reat prospettat mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-kap. 9 ma setghax jirrizulta pero' salv u impregudikat d-dritt tad-ditta riferita li tistitwixxi azzjoni ta' natura civili fil-konfront tal-esponent.

B. Minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tal-eccezzjoni tal-koercizzjoni sollevata mill-esponent jirrizulta li mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-istess kienet konvinta fi grad ta' probabilita' li l-esponent kien mhedded minn Debattista u kienet ukoll konvinta fil-grad tal-konviciment morali li l-istess Debattista kien qed jestorci l-flus minghand l-esponent fl-isfond ta' dan it-theddid. Kienet ukoll konvinta li l-estorzjoni tramite t-theddid sehh fuq medda qasira ta' zmien li kien jestendi ghal xi jiem jew gimghat. Pero', mill-banda l-ohra l-Ewwel Qorti deherilha li l-esponent kien f'qaghda li jindirizza dan it-theddid billi jirrikorri ghall-intervent tal-Pulizija. Pero' f'dan ir-rigward ghandu jigi precizat li l-esponent xhed li Debattista kien widdbu li kellu hafna hbieb fil-Pulizija fosthom fizzjal u cioe' Ronnie Cilia, bl-implikazzjoni li Debattista kien ikun jaf jekk l-esponent irrikorriex ghall-intervent tal-Pulizija u dan appena jirfes l-ghatba tad-Depot. Huwa evidenti li Debattista irrikorra ghal dina l-istratagemma propju biex johloq deterrent psikologiku bl-iskop li jbieghed lill-esponent milli ifittex l-ghajnuna tal-Pulizija fl-istond tat-theddid provenienti minghand Debattista li jelimina lil iben l-esponent.

Pero' f'dan ir-rigward huwa sottomess li l-biza' u sahansitra t-twerwir m'huwiex stat psikologiku oggettiv. Ghall-kuntrarju huwa stat psikologiku purament soggettiv li necessarjament huwa suxxettibli ghal rejazzjonijiet varji u sahansitra mill-aktar atipici da parti tal-vittma, tenut kont l-eta', l-grad ta' maturita', l-livell edukattiv,l-esperienza, s-suxxettibilita' psikologika tal-vittma ghall-biza' u ghall-manipulazzjoni, kemm il-vittma timpressjona ruhha meta tkun mhedda u kif tirreagixxi ghat-theddid fil-fattispeci tal-kaz oltre elementi ohra li talvolta huma relevanti fl-isfond tal-kaz.

L-esponent xhed li Debattista kien wasal biex iheddu gravement b'referenza ghall-aktar haga ghaziza ghal kull persuna u cioe' l-ulied u li sahansitra kien urieh arma tan-nar u hedded li joqtol lil ibnu bih. Kien anke wrieh ritratt inter alia ta' ibnu. M'hemmx dubbju li theddida ta' dina l-entita' twahhax lil min igarrabha. L-entita' taghha hija tali li evidentement tipperdura fiz-zmien u tibqa' attwali anke mat-trapass ta' xi jiem jew gimghat u anke hafna aktar

minn hekk. Il-prospett tal-qtil tal-wild ta' xi persuna izjed ghandha tendenza li ssir ossessjoni li se mai tiggrava mat-trapass taz-zmien milli tizvinta fix-xejn specjalment jekk il-manipulazzjoni psikologika tal-vittma tat-theddid tkun ppjanata tajjeb. Di fatti jirrizulta mix-xhieda ta' Giovanni Azzopardi li fil-fazi konklussiva ta' din il-grajja meta l-esponent kien gie mgieghel li jsiefer fir-Renju Unit, l-manipulazzjoni tal-esponent da parti ta' Debattista kien ghadu operattiv stante li skond ix-xhieda ta' Azzopardi l-esponent, bhala fatt empiriku, kien bezghan mill-prosqett li jispicca l-habs in vista tal-inkwiet li kellu ma' martu. L-esponent kellu l-percezzjoni li dan il-prospett kien realta' ezistenzjali minkejja li kuginuh kien widdbu li dan ma kienx il-kaz. Huwa sinifikanti li l-esponent kien siefer, l-Ingilterra ma min kien qed jisgozzah daqskemm huwa sinifikanti li Debattista kellu l-ardir li jixhed li kienu siefru ghal btala. Pero' huwa gie sommarment kontradett minn Azzopardi li kien wassalhom l-ajruport li ta l-verzjoni vera ghala l-esponent kien siefer l-Ingilterra, kif aktar 'il fuq riferit. Din il-percezzjoni wasslitu ghall-imgieba estrema li jbiegh daru lil Debattista li xi gimghat wara bieghu bi profitt lil Azzopardi li akkwistaha permezz ta' kumpanija minnu kontrollata u dan kif jirrizulta mir-ricerki esebiti fl-atti processwali. Pero' la Debattista u lanqas Azzopardi m' ghamlu referenza ghal dana l-aspett verament sinifikanti konsidrat fil-kuntest tal-estorzjoni prattikata minn Debattista bi pregudizzju gravi ghall-interessi patrimonjali tal-esponent anke bil-konkorrenza ta' Azzopardi li bbenefika b' mod vistuz minn dina l-estorzjoni bl-akkwist eventwali ta' immobbli minghand l-esponent kif jirrizulta palesement mill-istess ricerki. Huwa propju ghalhekk li Debattista u Azzopardi ma semmew assolutament xejn dwar dana l-aspett krucjali fix-xhieda taghhom. Huwa sottomess li m' hemmx dubbju li l-ingenwita' tal-esponent kienet ir-raguni ghala huwa safa vittma tal-estorzjoni ta' Debattista sa certu grad iI-kompIicita' ta' Azzoppardi stante li huwa ma kellux l-esperienza mehtiega u livell edukattiv li kien tali li seta' jindirizza l-problema serja li kien qed jirrinffaccja u minhabba f'hekk kien partikolarment suxxettibbli ghat-theddid u ghall-manipulazzjoni psikologika ta' haddiehor molto piu' billi t-theddid kien indirizzat lejn ibnu stess.

Il-versosimiljanza tat-tesi tal-esponent b' referenza ghall-eccezzjoni tal-koercizzjoni tohrog meta titiqies ix-xhieda ta' Debattista li invoka d-dritt li ma jwigibx ghadd sostanzjali ta' domandi-lkoll verament materjali u relevanti f' dan ir-rigward billi f'kaz li gew imwiegba huwa kien jisfa inkriminat propju fil-kuntest tal-estorzjoni minnu partikat fil-konfront ta' u bi pregudizzju ghall-esponent.

Di fatti Debattista ma riedx iwiegeb domandi dwar ic-cirkostanzi li sawwru r-relazzjoni tieghu rnal-esponent, dwar l-iskop tal-laqghat tieghu mal-esponent, dwar ir-raguni ghala hu u l-esponent marru l-Ingillterra (hlief dwar l-allegazzjoni li huma kienu siefru ghal btala li kif intwera supra assolutament ma kienx minnu) u dwar jekk ghaddewx flus bejnu u l-esponent. L-agir ta' Debattista ma kien xejn aktar minn attentat biex jahbi l-verita f' dan ir-rigward jew, kif gustament osservat l-Ewwel Qorti "biex jghatti xturu". Huwa evidenti li l-istratagemma ahharija ta' Debattista kienet li wara li huwa kien sgozza lill-esponent ried jghatti dnubu billi jehles minnu billi gaghlu jahrab l-Ingillterra. Wara li Debattista heles mill-esponenti fi kliemu stess huwa qatt ma rega' kellmu tenut kont li allegatament hu u l-esponent kienu marru l-Ingillterra ghall-btala bhall-hbieb ntimi li jsiefru flimkien!!

Fir-rigward tal-attendibilita' o meno tax-xhieda tal-esponent l-Ewwel Qorti ma deherilhiex li din ix-xhieda kienet karatterizzata minn kontradizzjonijiet jew minn diskrepanzi li kienu tali li jiskreditaw din ix-xhieda u effettivament tat affidament lix-xhieda tal-esponent b'referenza ghal materji determinanti f'dan il-kuntest. Di fatti emmnet it-tesi fondamentali tal-esponent li l-istess kien qed jigi sgozzat minn Debattista u li kien qed ighaddilu l-flus fl-isfond ta' theddid. Pero' l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset li mat-trapass taz-zmien l-esponent zied dettal li ma kienx issemma' qabel u rreferiet ghal dettal solitarju li gie rilevat mill-esponent sahansitra ghoxrin sena ilu u cioe' waqt is-seduta tas-17 ta' April 1998. Dan id-dettal kien jirrigwarda incident fejn fl-isfond tal-manipulazzJoni partikat minn Debattista fil-konfront tal-esponent l-istess kien irrefera ghal incident li kien jinvolvi il persuna bil-laqam il-Wangy. Din il-persuna allegatament kienet intimidat lill-esponent permezz ta' machine gun

zghir. Skond l-esponent din il-persuna kienet intbaghtet ghandu minn Debattista.

Pero' huwa sottomess bir-rispett illi dan il-fattur ma messhux influwenza lill-Ewwel Qorti negattivament fil-konsiderazzjoni tal-attendibilita' o meno tax-xhieda tal-esponent. Kif ntqal l-Ewwel Qorti ma ccensuratx ix-xhieda tal-esponent talli kienet karatterizzata minn kontro-sensi, kontradizjonijiet jew diskrepanzi izda ssenjalat dan id-dettal rigwardanti il-Wangy esklussivament. Pero' huwa sottomess Ii m' hemm xejn inkonswet li l-esponent irrefera ghall-Wangy waqt is-sedut tas-17 ta' April 1998 u li rega' rrefera ghalih xi ghoxrin sena wara meta xhed qudiem l-Ewwel Qorti allura diversament komposta. Jekk xejn il-fatt li l-Wangy rega' ssemma' jimplika li x-xhieda tal-esponent moghtija meta xhed quddiem l-Ewwel Qorti diversament komposta fit-22 ta' Lulju 2016 kienet linejari u kienet kompatibbli ma dak li kien xhed waqt is-seduta tas-17 ta' April, 1998 meta kien hemm Magistrat iehor li kien qed jippresiedi f' din il-kawza.

L-esponent jissottometti illi dak li huwa verament decisiv f' dan ir-rigward hu li l-Ewwel Qorti kienet konvinta li l-esponent kien qed jghaddi l-flus lil Debattista taht theddid ossija b' koercizzjoni. Konsegwentement assolutament ma kien hemm ebda raguni ghala l-eccezzjoni tal-koercizjoni ma gietx moghtija effett mill-Ewwel Qorti una volta li dawn iz-zewg elementi kardinali gew provati fil-grad li trid il-Ligi molto piu' meta jitqies li fl-isfond tal-premess l-massirnu "*coactus tamen voluit*" m' huwiex applikabbli fil-fattispeci partikolarita' dan l-kaz; dan in vista tal-fatt li n-natura tat-theddid u l-manipulazzjoni prattikata minn Debattista kienu tali li l-esponent ma kellux d-dehen u l-kuragg, konsegwenti senjatament ghall-inesperienza tieghu, li jirrikorri ghall-intervent tal-Pulizija. Fi kliem iehor l-esponent beza' li jirrikorri ghand il-Pulizija billi kien pre-avvizat minn Debattista li huwa kien ikun jaf dwar dan immedjatament. M'hemmx dubbju wkoll li fil-percezzjoni soggettiva tal-esponent fiz-zmien relevanti t-theddida dwar l-eliminazzjoni ta' bin l-esponent kienet 'attwali' u ' reali' u dan matul il-perjodu qasir li fih zvolgew it-transazzjonijiet li taw lok ghal dan il-kaz.

C. Minghajr pregudizzju ghall-premess, referibbilment ghall-quantum li l-esponent allegatament appropja fl-interess ta' Debattista qed issir referenza ghas-segwenti principji legali li l-esponent jissottometti li japplikaw f'process penali:

i) L-onus probandi jiggrava fuq il-Prosekuzzjoni li hija tenuta li tipprova l-kaz taghha fil-grad tal-konvinciment morali b' mod li ma jibqa' ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tal-imputat u ghalhekk jekk dan il-grad ta' prova ma jigix, raggunt allura l-Prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova l-kaz taghha fil-grad li trid il-Ligi;

ii) L-imputat m' hu obbligat li jipprova xejn u di fatti jista' jaghzel li ma jixhidx jew li jressaq kwalsiasi prova in sostenn tat-tesi tieghu ta' non-reita' ;

iii) Jekk jaghzel li jipprova xi haga huwa bizzejjed ghall-imputat li jipprovaha fil-grad tal-probabilita' stante li dan ipso facto jkollu l-effett li jnissel dubbju ragonevoli (u konsegwentement li jimmina l-grad ta' prova li l-Prosekuzzjoni tinhtieg li tilhaq) u dan esklussivament jew flimkien ma provi diretti u/jew indizzjarji ohra li jirrizultaw fil-kors tat-process dan referbbiIment ghal tema partikolari li tkun irrizultat fil-kors tal-process jew sahahsitra b' referenza ghall-kaz fl-assjem tieghu.

Issa f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti gustament ikkonkludiet li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-quantum li allegatament kien gie' appropjat stante li l-ufficjali tal-istess societa' li kienu ghamlu l-istharrig fir-rigward ma kienux tressqu bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni. MiIl-banda l-ohra l-Ewwel Qorti rritieniet li xhieda tal-esponent fis-sens li "minghalih" il-quantum involut kien jammonta ghal bejn LM 20,000 u LM 22,000, kien adegwat biex jipprova fi grad ta' probabilita' il-quantum involut.

Pero' huwa sottomess li it-terminu "minghalih" huwa evidentement klassifikabbli fil-kamp tal-possibbli liema grad m' ghandu ebda portata

probatorja. Di fatti x-xhieda tal-esponent f' dan il-kuntest ma kienx ibbazat fuq provi konkreti izda fuq mera kongettura ossija kienet komputazzjoni arbitrarja minghajr ebda provi konsistenti f'dokumentazzjoni jew provenienti mix-xhieda ta' terzi intizi li jsahhu dina l-asserzjoni. lsegwi skond ir-ragjonament ta' l-Ewwel Qorti, illi fl-ipotesi li l-esponent semma' , per ezempju, c-cifra ta' LM 5000 jew LM 100,000 allura din kienet tkun ic-cifra talvolta dovuta. Dan mhux fondat fuq pjan legali billi l-kongettura jew l-ipotesi ma tilhaqx il-livell probatorju li jinhtieg li jintlahaq mill-imputat biex jipprova xi haga ossija l-grad tal-probabilita' .

Konsegwentement c-cifra relevanti baqghet "indeterminata" u ghalhekk klassifikabbli fl-isfera tal-possibilita' . Ghalhekk una volta li c-cifra involuta baqghet mhix kwantifikata l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkwantifikaha b' mod arbitrarju ghab-bazi tal-kongettura tal-esponent. La darba li x-xhieda ta' Victor Brockdorf giet karatterizzata bhala ekwivalenti ghal kongettura propju ghax ma kinietx imsahha mix-xhieda tal-esekuttivi tad-ditta surriferita, anke dak li lissen l-esponent fis-sens li jista' jkun li c-cifra dovuta kienet tammonta ghal bejn LM 20,000 u LM 22,000 minghajr ma kienet imsahha minn ebda provi ohra messha giet trattata bhala mera kongettura, kif in effetti kienet. Certament li kongettura ma jista' jkollha ebda portata probatorja ghax in difett il-principji legali li jispiraw process penali jigu skardinati u menomati. Una volta li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha fil-grad li trid il-Ligi dan in-nuqqas ma jistghax jigi kumpensat u kolmat billi tigi accettata bhala prova cifra arbitrarja li fettillu isemmi l-esponent li m'hix ibbazata fuq provi inekwivoci u inkonfutabbli li jikkonfermaw li c-cifra li semma' l-esponent hija korretta.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-imputat kien l-ewwel ingaggat mis-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited bhala delivery man u f'Marzu 1989 beda jahdem bhala Sales Representative mal-istess kumpanija;

2. Illi Managing Director tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited irraporta lil Pulizija li l-appellant kien akkumula debitu mal-istess socjeta' ta' madwar hamsin elf Lira Maltin (LM50,000) dwar merkanzija konsenjata lilu fil-kwalita' tieghu ta' salesman u li l-appellant kien sussgwentement telaq minn Malta;

3. Hekk kif l-appellant irritorna lura Malta huwa gie arrestat mill-Pulizija;

4. Illi gie allegat li l-appellant kien ircieva u naqas li jikkunsinja flejjes lis-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited u li certu merkanzija kienet indikata bhala mibjugha u konsenjata lil terzi identifikati fuq dokumenti, meta dan ma kienx il-kaz;

5. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-Ewwel Qorti qieset l-istqarrija rilaxxata mill-appellant fit- 23 ta' Novembru, 1990 bhala prova inammissibli u ghalhekk din u kwalunkwe referenza ghal din l-istqarrija sejra tigi skartata minn din il-Qorti.

**Din il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li l-allegat reat jirrisali ghas-sena 1989 u c-citazzjoni rigwardanti din il-kawza giet intavolata l-Qorti fit- 22 ta' Jannar 1991 u ghalhekk kwazi tletin sena ilu. Din il-Qorti tqis li huwa tassew deplorabbli li kawza ta' din in-natura iddum dawn is-snin kollha sabiex tinqata'. Liema dewmin kif jixhdu l-atti huwa principarjament imputabbli lill-imputat, ghalkemm jirrizulta ukoll li l-Ufficjal Prosekutur ma kienx deher ghal numru ta' seduti u l-Ewwel Qorti diversament preseduta minn dik li ddeciediet il-kawza kienet ippermetiet dan id-delungar ghal numru ta' snin. Interessanti hija d-decizjoni fl-ismijiet 'Christopher Cassar Vs L-Avukat Generali u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2013 il-qorti awtorizzat lis-socjeta Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd sabiex tintervjeni fil-kawza' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Settembru, 2013[3] li sabet nuqqasijiet gravi kemm minn naha tal-prosekuzzjoni, minn naha tal-imputat u minn naha tal-Qorti li ppermetiet parti li tkaxkar saqajha u li kien wara iktar minn ghoxrin (20) sena li hadet provediment biex twaqqaf dan l-abbuz. Dik il-Qorti fis-sentenza[4] citata qieset li l-imputat**

[3] Rikors numru 31/2013AE

[4] Tinsab a fol 406 et sequitur

**'*thalla jaghmel hijack tal-proceduri u ilu s-snin jagmel li jrid.*' Dik is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju 2014[5].**

**L-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta kienet fid- 9 ta' Ottubru ,2018 l-appellant izda ma rrizultax li kien notifikat. Sussegwentement kienet giet eccepita n-nullita' tar-rikors tal-appell mill-Avukat Generali u ghalhekk kellha tigi sorvolata u deciza dik l-eccezzjoni. Filfatt in segwitu ta' noti prezentati mill-partijiet u wara li giet trattata din l-eccezzjoni, din il-Qorti ddeciediet dik l-eccezzjoni permezz tas-sentenza tal- 25 ta' April, 2019. In oltre' kien hemm zmien fejn il-Qorti kienet sprovvista mill-process mertu ta' din il-kawza u ghalhekk kellha ssir tfittxija ghall-process. Illi wara li gie trattat l-appell u dan fis-seduta tal-14 ta Lulju 2020, l-appell intbaghat ghas-sentenza ghal-lum gimghtejn wara li gie trattat.**

Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant issottometta li dwar l-akkuzat skond id-disposti tal-artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kors tar-relazzjoni tal-appellant mad-ditta, kien hemm kazijiet meta l-invoices relattivi ghal merkanzija li l-appellant kien gie inkarigat li jbiegh gew emessi f'isem l-appellant b'mod li huwa assuma l-kwaltita' guridika ta' klijent ta' din id-dtta bl-obbligu li huwa stess ihallas il-prezz tal-merkanzija mibjugha. Pero' kien hemm kazijiet ohra meta l-istess ditta kienet in oltre' tohrog ricevuti 'cash sale' lill-appellant, f'liema kaz kien javvera ruhu t-trasferiment tal-proprjeta' tal-merkanzija lill-appellant. Fiz-zewg kazijiet, l-appellant kien isir il-propjetarju tal-merkanzija bl-obbigu li jhallas il-prezz dovut lill-imsemmija ditta.

Gie sottomess li fiz-zewg ipotesi u cioe' meta id-ditta kienet tohrog invoice direttament lill-appellant bil-presuppost li huwa kien tenut li jhallas il-prezz dovut kif ukoll meta kienet taghtih ricevuta cash sale, kienet tinholoq relazzjoni guridika bejn din id-ditta u l-appellant ta' bejjiegh u xerrej. Fiz-zewg ipotezi l-obbligu tar-radd tal-valur tal-merkanzija gie estint u minflok tnissel l-obbligu tal-hlas tal-prezz pattwit ghall-akkwist tal-merkanzija mill-appellant, in effetti, giet fis-sehh relazzjoni

[5] Kopja tas-sentenza tinsab a fol 418 et sequitur.

guridika li kienet purament ta' natura civili. Jissottometti li konsegwentement ma kienx jissussisti bazi legali biex jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tal-appellant ai termini tad-disposizzjonijiet surriferiti stante li l-ipotesi tar-reat prospettat mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap 9 ma setghax jirrizulta- pero' salv u impregudikat id-dritt tad-ditta riferita li tistitwixxi azzjoni ta' natura civili fil-konfront tal-appellant.

Din il-Qorti ghalhekk trid fl-ewwel lok tqis it-tip ta' relazzjoni li kien hemm bejn is-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited u l-appellant u konsegwentement x'kienu l-obbligi tal-appellant vis-a-vis din is-socjeta' u cioe' jekk l-appellant kienx qieghed jigbor flejjes ghan-nom tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

**L-Ispettur Kevin Ellul Bonici** fis-seduta tal- 14 ta' Marzu, 1991 xehed li f'Dicembru 1989 kellhom rapport minn ghand certu Victor Brockdorf li huwa il-Managing Director tad-Ditta Alf. Mizzi and Sons Marketing Limited. Dan ir-rapport kien in rigward wiehed mis-salesmen tal-istess ditta, liema salesman huwa fil-fatt l-imputat Christopher Cassar. Ir-rapport kien jghid li l-istess salesman cioe' l-imputat kien akkumula debitu ma' din l-istess kumpanija ammontanti ghal xi hamsin elf lira u dan a rigward merkanzija li giet konsejata lill-imputat fil-kwalita' tieghu bhala salesman. Il-merkanzija giet konsejata lill-imputat fil-kwalita tieghu bhala salesman mal-istess ditta. Ir-rapport kompla jghid li l-imputat kien telaq minn Malta f'Novembru 1989, permezz tal-Interpol huma kkonfermaw li l-imputat kien jinsab l-Ingilterra. irrizultahom ukoll li l-imputat kien qata xi biljetti matul Mejju 1990 u dan fl-Ingilterra, dawn kienu biljetti tal-ajru ghall-Italja pero l-imputat sa dan it-tant ma kienx gie Malta. Eventwalment l-imputat wasal lura Malta f'Novembru 1990. Kif gie Malta gie arrestat u fit-23 ta' Novembru 1990 l-imputat irrilaxxa stqarrija.

**Victor Brockdorff** xehed fis-seduta tal- 14 ta' Marzu 1991. Spjega li huwa jahdem bhala Financial Controller mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Limited. Xehed li l-imputat kien jahdem mad-ditta rapprezentata mix-xhud bhala sales representative. Spjega li '*Originarjament l-imputat Cassar kien dahal maghna bhala Delivery Man pero f'Marzu tal-89 kien wera x-xewqa sabiex jahdem mal-istess ditta bhala Sales representative.*

*wara li sar Sales representative ix-xoghol tieghu kien li jigbor ordnijiet min ghand il-hwienet klijenti tad-ditta.'* Xehed li '*Eventwalment kien jqassam l-istess xoghol li kien ordnat lilu lill-istess hwienet kien jkollom fl-ahhar mill-ahhar responsabli ghall-gbir tal-flus tad-ditta minghand l-istess hwienet.'*

Spjega li '*Ir-relazzjoni tad-ditta taghna cioe' bejna u l-hwienet, klijenti tad-ditta kienet tinqasam f' zewg tipi. Kien hemm klijenti li kellhom <u>il-kont taghhom direttament mal-kumpanija</u>, kien hemm <u>tip ta' klijent iehor pero li kellu jhallas direttament lis-salesman</u>. Cioe' il-klijent kien jhallas direttament lis-salesman.'* Spjega li '*F'dawn it-tranzazzjonijiet kienu jintuzaw certi dokumenti. Fil-bidu nett l-istess salesman kien jorigina Delivery Order. Fuq dan id-dokument u sabiex nillustra id-dokument .. ser naghti ezempju.'* Spjega li '*Jekk per ezempju f'perijodu kien jigbor l-ordnijiet minn sitt ihwienet differenti s-sales representative kien jnizzel dawn l-ordnijiet kollha fuq id-delivery order, sabiex nmkun aktar precizz kien jnizzel summary ta' kull ordni.'* Spjega li '*B'referenza ghal-dawk iz-zewg tipi ta' klijenti li semmejt, vis-a-vis dawk il-klijenti li kellhom jhallsu direttament lis-salesman u mhux lil kumpanija dawn kienu jnizzilhom bhala ordni wahda b'ammont totali wiehed.'* Spjega li '*Fuq dawn it-tip ta' ordnijiet il-kumpanija kienet tohrog invoice fuq is-salesman stess. B'rizultat ta' dan f'dawn il-kazijiet is-salesman kien jkollu kont favur il-kumpanija. f'kazijiet ohrajn fejn il-klijenti jkunu responsabli direttament lejn il-kumpanija is-salesman kien jnizzel delivery order ghal kull klijent fejn kien jispecifika -isem, l-indirizz tal-klijent, it-tip ta' merkanzija konsenjata jew li kellha tigi tkun konsenjata u l-valur.'* Spjega li '*Sussegwentement ahna konna nohorgu invoices favur il-klijent individwali. Fil-kaz ta' tranzazjoni fejn kien hemm relazzjoni diretta bejn is-salesman koncernat u l-klijent oltre id-delivery note tinhareg ukoll cash sale. Din il-cash sale kien johrogha is-salesman stess u dan sabiex jistabilixxi relazzjoni diretta bejnu u bejn il-klijent.'* Spjega li '*Fuq il-cash sale kien jitnizzel isem il-klijent partikolari. il-Cash sale ta' dan it-tip tkienet timtela mil-istess salesman .'* Spjega li '*Min Gunju tan-1989 ahna ipprovajna nirrangaw is-sistema sabiex naghmlu aktar facli ghas-sales reprezentatives taghna fis-sens illi dawn kellhom biss jmorru jigbru l-ordni minn ghand il-klijent u l-konsenja kienet issir minn terza persuna.'* Spjega li '*In rigward il-gbir tal-flus dan ovjament baqa f'idejn is-salesman jew sales representative. In eccezjoni ta' dan li ghedt l-ahhar kienet biss meta is-salesman stess kien jindika lid-ditta li kienet saret cash sale fil-veru sens tal-kelma, cioe' cash on delivery.'*

Xehed li '*Matul il-gurnata kull salesman kien jaghmel rapport tal-agir tieghu lis-sales executive. Filfatt bhala regola issir kulljum. Matul dawn il-verifiki mas-sales executive kull*

*salesman kien jaghti kopja (hadra) ta' kull cash sale lis-sales executive. U dan sabiex jindika lill-istess sales executive l-ammont ta' merkanzija li jkun qed jbiegh u il-valur taghha, kif ukoll lil min qed jbiegh l-istess merkanzija.'* Xehed li '*Sussegwentement il-flus kollha ta' dawn il-bejgh li jkun sar jrid jasal ghand id-ditta. F'dawk il-kazijiet meta jkun hemm klijent li ghandu relazzjoni diretta mad-ditta u jrid jhallas direttament lid-ditta, kien jmur is-salesman ghand dan il-klijent u jigbor il-flus, imma is-salesman eventwalment ghandu jikkonsenjahom lid-ditta.*' Spjega li '*Anke fil-kazijiet l-ohrajn fit-tipi ta' tranzazjonijiet ohrajn li semmejt hawn fuq cioe' fejn kien hemm relazzjoni diretta bejnis-salesman u l-klijent l-istess salesman kien hsieb li jigbor il-flus.*' Spjega li '*Eventwalment, pero anke f'dawn il-kazijiet il-flus kellhom jidhlu f'idejn id-ditta. F'dawn il-kazijiet kif diga spjegajt kif diga spjegajt is-salesman kien jkollu kont direttament hu mad-ditta. Dan il-kont kien jkun on a credit basis. F'dawn il-kazijiet id-ditta kienet tohrog invoice direttament fuq is-salesman.*' Jghid li l-bilanc tal-kont li l-imputat kellu mad-ditta fil-11 ta' Dicembru 1989 kien ta' LM54,676.20c3m.

Spjega ukoll li '*F'dawn il-kazijiet kull darba li s-salesman kien jaghti lura xi flus lid-ditta kien jinhareg dokument li ahna nsejhulu temporary receipt. Dan id-dokument li ahna nsejhulu temporary receipt. Dan id-dokument kien jiehdu is-salesman u fuq dan id-dokument kien jindika ta' x'hiex kien qed jhallas, kif ukoll l-ammont ta' flus li kien ikkonsenja lid-ditta.*'

Spjega li '*mill-ispecimens li qed nesebixxi kopja ghad-delivery note hemm dokumenti ta' kuluri differenti. Rigward id-delivery note il-bajda hija li tinghata lis-salesman , kopja ta' din, cioe' dik ta' kulur ahdar car kienet tinghata lis-store keeper, il-kannella kienet tmur fl:-ufficju tad-ditta sabiex tigi ritenuta bhala dokument ufficjali. il-hadra li tigi taht il-kannella kienet tigi ukoll mill-istore keeper, din tal-ahhar tintinza filfatt sabiex in-nies li jahdmu fl-istore jkunu jistghu jmorru jigbru il-merkanzija mill-istess stores. Is-safra kienet ukoll tibqa ghand id-ditta.*' Spjega li '*Ser nirreferixxi ghall-ispeciment cash sales. Il-bajda kienet dik li tinghata lill-klijent, nixtieq nghid lil-ittri fuq dan id-dokument Cioe' DCS jfissru Delayed Cash Sale, dan jfisser li s-salesman ma jkollux bzonn jigbor il-flus direttament mal-konsenja. Cioe' nixtieq nghid illi dawn il-karti kienu jinghtaw mis-salesman meta ma jkunx hemm bzonn li jkun hemm hlas mal-konsenja.*' Il-kopja s-safra kienet tinzamm mis-salesman sabiex ikun jaf jekk kelhomx jingabru l-flus jekk fil-fatt dawn il-flus ingabrux, f'kaz li jkun sar il-hlas, allura id-delivery man kellu jikkonsenjalu lis-salesman il-flus. Is-salesman ukoll kellu din il-kopja safra biex jikkonfronta lil tal-hanut dwar jekk sarx pagament jew le. Il-hadra kienet tinzamm mis-salesman sabiex din eventwalment tinghata lis-

sales executive. Il-kannella kienet tinzamm mid-ditta fil-ktieb relattiv. Il-karta l-kannella kienet dejjem tinzamm fil-pussess tas-salesman. L-ispecimens jinsabu fl-envelop immarkat bhala VB.

Dwar l-imputat qal li '*L-imputat Cassar ghandu huh jahdem maghna bhala Delivery man, u dan jismu Piu. F'gurnata li kienet it-tnejn, 11 ta' Dicembru 1989, hu l-imputat Piu kien informa lill-istores Manager li l-imputat kien telaq minn Malta. Meta sirna nafu dan ahna ipprovajna nikkuntatjaw lil-familja tiehu specifikatament lil-martu, kif ukoll lil omm l-imputat.*' Spjega li '*Dana ghamilnieh sabiex ahna nipprovaw insibu il-cash relattivi sabiex ahna bhala ditta nkunu nistghu nirkupraw il-flus dovuti lid-ditta mill-imputat, kif spjegajt aktar kmieni fix-xhieda.*' Spjega li '*fid-ditta konna hloqna sistema fejn kull salesman kien jkollu ledger sheet fejn kull ledger sheet kienet inzamm mis-salesman in rigward il-flus li kellu jigbor kull salesman minn ghand il-klijenti.*' Spjega li '*Kull-salesman kien jkollu ledger sheet ghal kull klijent. Perjodikament konna nghidu lil kull salesman ovjament inkluz l-imputat sabiex jgib l-ufficju dawn il-ledger sheets. Permezz ta' dawn il-verifiki ahna konna nirrikonciljaw dak li jidher skond id-ditta li huwa dovut lilna mis sales men ma dawn il-ledger sheets.*' Li '*In rigward l-imputat Christopher Cassar, din il-verifika kienet saret fl-ahhar ta' Ottubru 1989. F'din id-data meta saret l-ahhar verifika il-bilanc fil-kont tal-imputat kien jilhaq erbgha u erbghin elf, tlett mija u tlieta u hamsin Liri Maltin. Dawn ovjament dovuti minnu lid-ditta. Din l-ahhar verifika li saret ghamilnieha personalment jiena u l-imputat.*' Spjega li '*Dak iz-zmien ahna konna diga qed nghidu lill-imputat li il-bilanc dovut minnu ma jistax jikber aktar. Hu kien jirrispondini li hu kien ser jaghmel mill-ahjar u jigbor aktar flus.*' Huwa prezenta id-delivery notes kollha bhala Dok VB1, it-temporary receipts kollha in rigward l-imputat minn meta beda jahdem maghhom bhala sales representative bhala Dok VB2 kif ukoll kopja fotostatika tas-Sales Ledger u dan relattiv ghall-istess imputat bhala Dok VB3.

Spjega li bdew javvicinaw lil klijenti tad-ditta bil-karti l-hodor li kellhom fil-pussess taghhom, minn xi uhud minnhom stabilew li dawn kienu ghad fadlilhom jaghtu xi flus lid-ditta. In kwantu tal-ammont li gabru min ghand dawn il-klijent huwa indikat fid-dokument VB3. Meta kienu jigbru l-flus minghand dawn il-klijenti kienu jiddepozitawh fil-kont relattiv tal-imputat. Spjega li matul l-istharrig meta kienu jikkonfrontaw xi klijenti bil-kopja il-hadra li semma, dawn kienu jinfurmawhom li ma kienux jafu b'dik il-konsenja peress li ma kienux ircevew il-merkanzija relattiva.

Kien baghat ghad-delivery man allokat mal-imputat, li kien Jesmond Aquilina u kkonfermalu li f'certi okkazzjonijiet meta kien jkun hemm indikat li kellha issir konsenja lil xi klijent, l-imputat kien jiltaqa mieghu fit-triq u l-imputat kien jindikalu li certi konsenja ma kellhomx isiru skond kif indikat fq il-cash sale izda f'post iehor. Il-kopji tal-cash sale dwar nies li qalu li ma kienux jafu bil-konsenja jew merkanzija, tawhom lil Fraud Squad. Kellhom ukoll kazijiet fejn kien hemm klijenti li kellhom jhallsu direttament lid-ditta li qalulhom li ma kellhom jaghtu xejn lid-ditta u kienu wrewhom dokumenti ta' dawn il-hlas iffirmati mill-imputat.

**Victor Brockdorff** rega xehed fis-seduta tal- 4 ta' Marzu 1991 fejn esebixxa cash sales hodor bhala Dok. VB3A. Spjega li kien iltaqa mal-imputat f'Ottubru 1989 u hu u l-imputat waslu ghal figura li semma fl-ahhar seduta. Esebixxa dokument bhala Dok VB4. In rigward dawk in-nies li avvicinaw fl-investigazzjonijiet taghhom u li kienu qalulhom li halsu l-ammont kollu dovut lis-salesman bhala ammont, dawn kienu jammontaw ghal erbat'elef, seba' mija u sitta u hamsin liri Maltin, disa u sebghin centemzu u sitt millezmi (LM4,756.79c6m). Dan il-flus kienu dovuti kollha lill-kumpanija mill-klijent. Dawn il-klijenti meta kellmuhom u wrewhom id-dokumenti ukoll li kien jindika li kienu hallsu lil Christopher Cassar. Zammew fotokopji ta' dawn id-dokumenti li urewhom il-klijenti li qalu li halsu lil Christopher Cassar. Wara li raw dawn id-dokumenti, addebitaw il-kont ta' Christopher Cassar bl-ammont ta' LM4,756.79c6m. Prezentament il-kont tal-imputat Christopher Cassar vis-a- vis id-ditta jammonta ghal flus dovuti lilhom ta' LM52,19.20c.9m. Jghid li ircieva ittra anomima fejn kien hemm indikat li Portelli and Sammut kellhom jaghtu xi flus lilhom. F'okkazzjoni ohra kienu ircevew ukoll anonimament kwantita ta' ledger sheets li ma kienx uza sabiex jasal ghar-rikonciljazzjoni li semma. Skond dawn il-ledger sheets hemm indikat li xi klijenti tad-ditta ghandhom jaghtu lid-ditta rapprezentata minnu. Waqt l-inkontru li kellhom fl-ufficju taghhom, l-imputat kien qal li dawk id-dokumenti li semma fl-ahhar kien bathom hu. Dawn il-ledger sheets ricevuta mid-ditta taghhom anonimament u li wara l-imputat ammetta li kien baghthom hu huma immarkati bhala Dok VB5. Id-distretti li kien jahdem l-imputat f'isem id-ditta kienu Haz-Zebbug, Hal-Qormi, Mosta, Naxxar u Ghawghur, Naxxar u St. Andrews, u St. Julians, Sliema kif ukoll H'Attard.

**Jesmond Aquilina** fis-seduta tal- 14 ta' Marzu 1991 xehed li huwa impjegat u jahdem mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Marketing Limited. Jahdem bhala delivery man mal-istess ditta. Spjega li jaf lil imputat peress li kien is-salesman tieghu mal-istess ditta. Kien iqassam ix-xoghol tal-imputat skond l-istruzzjonijiet li kien jaghtih l-imputat. Ix-xoghol kien ikun skond id-dokumenti relattivi. Kien jigbor id-dokumenti relattivi mil-garzella relattiva fl-ufficju tad-ditta, izda mhux dejjem ikkonsenja skond ma kien jkun imnizzel fuq dawn id-dokumenti. Fuq id-dokumenti kien ikun hemm imnizzel l-isem tal-klijenti. Xi kultant l-imputat kien jghidlu biex jikonsenja ix-xoghol li jkun hemm fuq id-dokument lil persuna ohra u kien jsemmilu specifikament persuna. Din kienet tigri tal-inqas darbtejn fil-gimgha. Il-persuna li kien jindikalu l-imputat sabiex jaghmel il-konsenja minflok dawk indikati fuq id-dokumenti kienu jkunu Portelli & Zammit go Hal-Qormi, J&A Trading l-Imsida u Michael Cachia residenti fin-Naxxar. Ma kienx imur ghand dawk il-persuni li kellu indikat fuq id-dokumenti peress li skond huma ma kellhomx jaccettaw ix-xoghol peress li ma kienux ordnaw. Cassar qatt ma tah spjegazzjoni ghaliex ikollu jaghmel dan. Il-Mensija Bar ha xoghol li generalment bar ma jiehux cioe' tadam u kunserva, baked beans u pizelli.

**Michael Cachia** xehed fis-seduta tal- 21 ta' Marzu 1991 fejn spjega li huwa bejjiegh fuq il-monti fl-irhula. Gharaf lill-imputat bhala salesman mad-ditta ta' Alf Mizzi. Kien jordna ix-xoghol minghand l-imputat u l-istess imputat kien igiblu x-xoghol tad-ditta li semma. Kien hemm certu zmien meta kellu kont pendenti mal-istess ditta. Ix-xhud u d-ditta kienu ftehmu li izommu l-kont pendenti sakemm ihallsu u sakemm jithallas ma jkompliex jiehu xoghol minghandu. L-imputat kien qallu li sabiex hu ma jinkwetax fuq dan, peress li huwa xorta kien ser ikompli jgiblu x-xoghol tal-istess ditta. L-imputat Cassar qatt ma kien jaghtih invoice rigward ix-xoghol konsenjat lilu. Madwar it-30 ta' Awissu 1989 kellu kont pendenti mal-imputat ghal LM7,944.69c. Mill-monti kien ibiegh detergents kif ukoll preserves tal-ikel. Mill-kont dovut lil Christopher Cassar beda jhallas. Meta niezel ghal sebat'elef u seba mija, l-imputat qallu li hu ma ser jibqa jigi aktar. Minflok qal li kien ser jigi ghandu certu Ray Debattista u minflokk inhallas lill-imputat kellu jhallas il-kont lil dan Debattista. Hu, Debattista u l-imputat ftehmu li hu kellu jhallas lil Debattista s-somma ta' mitt lira fil-gimgha, ghamlu karta li hu ma kellu x'jaqsam xejn dwar

pagamenti mal-imputat u minflok kien ser jidhol Ray Debattista. Ghadu sal-lum ihallas il-kont ta' mitt lira lir-Ray Debattista sakemm fis-6 ta' Jannar 1991 fuq struzjonijiet tal-Ispettur Ellul Bonici ma kompliex ihallas. F'dik id-data, il-kont kien niezel ghal elf u hames mitt liri Maltin. Ghandu l-ircevuti tal-pagamenti kollha li ghamel lil Debattista. L-ahhar zewg pagamenti saru lil mara ta' Ray Debatista, Maris Debatista. Dan kien fl-14 ta' Dicembru 1989 u fl-20 ta' Dicembru 1989. FIl-hlas tal-21 ta' Novmebru 1989 kienu ffirmaw kemm l-imputat u anke Debaitttsa. Mis-6 ta' Dicembru 1989 sas-6 ta' Jannar 1991 il-hlas sar dejjem lil Ray Debattista. Sadanittant kien hallas il-kont kollu li kellu ma' Alfred Mizzi u l-istess ditta u ghalhekk regghet bdiet tikkonsenjali merkanzija. Wara l-hlas ta' dan il-kont ma' Alf. Mizzi and Sons Marketing Limited kien jikkonsenjalu l-merkanzija delivery man differenti. Huwa esebixxa 34 invoice. Debattista oltre li jifirmalu l-ktieb kien jiffirmalu dawn l-invoices li qed jaghmel il-pagament. Dawn gew immarkati bhala Dok. MC. Fuq diversi invoices hemm il-firem ta' Rita Cachia, il-mara tieghu peress li meta kien jigi Ray Debattista hafna drabi kien isib lil mara mhux lilu.

**Emanuel Bezzina** xehed fis-seduta tal- 21 ta' Marzu 1991 fejn spjega li ghandu grocer jismu 'Sunrise' gewwa San Gwann. Lill-imputat jafu bhala salesman mad-ditta Alf Mizzi and Sons Marketing Limited. Kien jaghmel l-ordnijiet ghand l-istess imptutat u kien igiblu l-merkanzija. Kontijiet pendenti mad-ditta ma ghandux. Fit-28 ta' Settembru 1989 kellu kont pendenti mad-ditta ta' tmien mija, tnejn u sittin liri Maltin (LM862). Dan il-kont bicca bicca hallsu. Gie muri cash sale ahdar fost dokument immarkat bhala VB3A, liema kont igib id-data tas-6 ta' Dicembru 1980, 84 jew 89 bin-numru 002391. Wara li gie muri dan id-dokumenti, qal li mhuwiex cert jekk l-oggeti indikati ordnahomx jew gewx ikkonsenjati lilu. Dwar l-ammont ta' LM82.10 qal li ma **ghandux jaghtihom.**

**Anna Galea** fis-seduta tal- 21 ta' Marzu 1991 xehdet li ghandha hanut tal-Grocer jismu Mini Market gop Callus Street, il-Mosta. Tixtri minghand id-ditta Alf Mizzi and Sons Marketing Limited. Taf lill-impuatat Christopher Cassar. Tghid li ghandha kont pendenti mal-istess ditta, ghandha taghti lid-ditta ta' xi konsenji sa xahrejn ilu. Giet murija zewg invoices hodor fid-dokument VB3A li jgibu d-data tal-21 ta' Novembru 1989 u jgibu in-numru rispettiv 005557 u 002371. Giet murija dokumenti

u tghid li l-oggetti li hemm fuq indikati qatt ma ordnathom. L-ordnijiet taghmilhom hi biss u zgura li l-oggetti fuq dawn iz-zewg invoices qatt ma ordnathom.

**Alphonse Mifsud** xehed fis-seduta tal- 21 ta' Marzu 1991 li qal li jappartjeni ilu l-istore maghruf bhala GC store go Main street, il-Mosta. Gie muri tlett invoices hodor kontenuti fid-dokument immarkat Dok VB3A li jgibu id-data tad-9 ta' Awissu, 1989 bin-numru 00467, iehor datat 3 ta' Ottubru 1989 bin-numru 008169, kif ukoll iehor datat 17 ta' Ottubru 1989 bin-numru 008197. Jaf lill-imputat bhala sales man mad-ditta ta' Mizzi. Ma ghandux idea ghamilx l-ordnijiet imnizzla f'dawn it-tlett dokumenti. Prezentement kontijiet pendenti mad-ditta ta' Alf Mizzi ma ghandux.

**Joseph Camilleri** fis-seduta tal- 21 ta' Marzu,1991 xehed li ghandu grocer il-Mosta maghruf bhala Joe's store li jinsab go 90, Tower street, Mosta. Lil imputat jafu bhala salesman mad-ditta ta' Mizzi. Kontijiet pendenti mal-istess ditta ghandu tal-ahhar xahar biss. Gie muri sitt cash sales hodor li jgibu in-numri u dati sussegwenti esebiti bhala Dokument Dok VB3A, l-ewwel cash sale bid-data tal-21 ta' Novembru 1989 bin-numru 005546, it-tieni cash sale bid-data tad-29 ta' Awissu 1989 bin-numru 001179 u t-tielet cash sale qieghed datat il-5 ta' Settembru 1989 u jgib in-numru 001218 ir-raba' jgib id-data 25 ta' Settembru 1989 bin-numru 008024 u l-hames igib id-data tal-25 ta' Settembru 1989 u in-numru 008023, u l-ahhar wahda iggib id-data tat-8 ta' Ottubru 1989 bin-numru 008163[6]. Wara li gie muri dawn il-cash sales jghid li ma jafx li ordna l-oggetti fuqhom indikati. Dak iz-zmien ma kienx jixtri helu bhal kitkat u smarties minghand Cassar, cioe' min ghand id-ditta ta' Mizzi. Ma jaf xejn fuq il-cash sales izda kienu gew tas-C.I.D u talbuh xi erba' vouchers u tal-istess C.I.D qalulu li kollox sewwa.

**Emanuel Vella** fis-seduta tal- 21 ta' Marzu, 1991 xehed li ghandu store il-Mosta maghruf bhala Xufi Mini Market. Lill-imputat prezenti fl-Awla jafu bhala Salesman mad-ditta Alf. Mizzi and Sons Marketing Limited. Ghandu xi kontijiet li jmorru lura xi xahar mil-lum pendenti mal-istess ditta. Gie muri cash sale ahdar datat il-21 ta' Novembru 1989 bin-numru 005552. Huwa ma ghamilx l-ordni indikata fuq dan id-dokument u ma jaf xejn fuqu oltre dak li qal.

[6] Jirrizulta li l-cash sale bin-numru 008163 li jinsab parti mid-dokumenti VB3A hija datata t-3 ta' Ottubru, 89.

**John Muscat** fis-seduta tal- 21 ta' Marzu, 1991 xehed li ghandu store maghruf bhala Housing Estate store go Cali street, il-Mosta. Lill-imputat jafu, dan kien igib ix-xoghol ghandu f'isem id-ditta ta' Alf Mizzi. Ma' din id-ditta, kien dejjem cash sale u ghalhekk ma ghandux kont pendenti maghhom. Gie muri zewg cash sales hodor datati 29 ta' Awissu 1989 bin-numru 001173 kif ukoll iehor datat 27 ta' Novembru, 1989 bin-numru 002372. Dawn huma inkluzi fid-dokument immarkat dok VB3A. Dawn huma inkluzi fid-dokument VB3A. Dwar '*Super Saver Powder times thirty*' qal li ghoxrin kaxxa ta' dan l-oggett qatt ma ordnahom, meta jordna minn dan l-oggetti jordna wahdiet. Dwar '*baked beans times forty-eight times 2200*'[7] jghid li l-konsenja qatt ma saritlu. Qatt ma ha dak li huwa indikat taht kwantita bhala ghaxra u li huwa deskritt bhala jelly times twenty four. Dwar oggetti ohra indikati fl-ahhar cash sale ma jista' jghid xejn. Qatt ma ra dawn iz-zewg cash sales.

**Anna Zahra** fis-seduta tal- 21 ta' Marzu 1991 xehdet li ghandha store Hal-Qormi maghruf bhala Coronation Store kif ukoll St Rose li jinsab go Hal Qormi. Lill-imputat tafu ghax jigi ghandha. Kien jigi ghandha sabiex ibieghlha xi affarijeit tad-ditta ta' Mizzi. Kontijiet mad-ditta ta' Mizzi dejjem hallsithom. Giet murija erba' cash sales hodor kontenuti fid-dokument immarkat dok VB3A. Dawn huma cash sales datati 5 ta'Awissu 1989 bin-numru 000382, iehor datat 4 t' Otubru, 1989 bin-numru 001156, iehor datat 6 ta' Ottubru 1989 bin-numru 008093 u iehor datat 30 ta' Novembru 1989 numru 002379. Wara li giet murija dawn id-dokumenti, qalet li qatt ma ghamlet ordni li kienet tammonta f'darba wahda ghal erba' mija u sittax il-lira Maltija u sittax il-centezmu. L-istess tghid dwar ordni li kienet tammonta ghal hames mija, seba' u ghoxrin liri Maltin u sitta u tletin centezmu. Ma taf xejn fuq iz-zewg cash sales l-ohra.

**Carmel Portelli** xehed fis-seduta tat- 8 ta' Mejju, 1991 u qal li jahdem ghal rasu bhala wholesaler u ghandu il-post fejn jizvolgi il-kummerc ta' wholesaler go Victory Street Hal-Qormi. Ghandu wiehed shab mieghu certu George Sammut. Id-ditta tieghu hija klijenta ta' ditta ohra Alf Mizzi and Sons. Prezentement bhal ma jkollhom dejjem il-kont taghhom ma din id-ditta ta' Alf Mizzi and Sons juri li ghandhom ihallsu xi haga. L-ahhar statement li rcevew huma ghandhom jaghtu lil din id-ditta cirka tletin elf lira. Huwa jaf l-imputat. Kien hemm xi zmien meta ix-xhud kien impjegat mad-ditta ta' Alf Mizzi and sons u dak iz-zmien l-imputat kien jahdem mieghu. Spicca

---

[7] Wiehed mill-oggetti parti mill-cash sale bin-numru 001173 jirrigwarda 'B'Beans 48 x 220'

jahdem mad-ditta Mizzi and Sons f'Awissu tal-89. Meta spicca jahdem mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons in rigward ix-xoghol tieghu kien ghad hemm kont pendenti min ghand klijenti tal-istess ditta ta' xi tletin elf lira. Wara li spiccaw jahdmu ma din id-ditta hu u siehbu hadu hsieb li jigbru f'isem l-istess ditta dawn it-tletin elf lira li semma. Sa fejn jaf hu, huma garbu is-somma kollha dovuta ta' tletin elf lira li sema. Id-ditta li kien jahdem maghha ta' Alf Mizzi and Sons kienu baghtu ghalih jidhirlu f'Dicembru 1989. Id-ditta ma kinitx taghtu xoghol qabel ma kien gabar it-tletin elf li semma, pero' qabel ma ngabru dawn it-tletin elf, beda jixtri oggetti minghand l-imptat. Meta kien qed jixtri minghand l-imputat jghid li kien hemm habib tieghu certu Paul Sciberras mill-Hamrun li kien qed jixtri f'ismu. Meta baghtu ghalih id-ditta ta' Alf Mizi, talbuh xi karti in rigward l-oggetti li kien xtara minghand Christopher Cassar. Dawn il-karti taghhom lid-ditta. Jidhirlu li fi Frar jew Marzu 1990. Kien ircieva ittra anonima fejn kien jinghad li ghad kellu jhallas bilanc lid-ditta ta' Alf Mizzi u cioe' bilanc ta' elfejn, seba' mija sebgha u sebghin liri maltin u sitta u tmenin centezmu (LM2777.86c) pero peress li dan il-bilanc ma kellux jaghtih, baghat dan id-dokument anonomu li kien ircieva direttament lid-ditta ta' Alf Mizzi and Sons. Sa fejn jaf l-ittra li sussegwentement kien baghat lid-ditta ta' Alf Mizzi ittiehdet mill-partner tieghu bl-idejn cioe' George Sammut. Minghand id-ditta li semma qatt ma rcieva xi ittra fejn intalab dan il-bilanc li semma, dan ma kienx dovut lid-ditta in kwistjoni.

**Raymond Micallef** fis-seduta tat- 8 ta' Mejju,1991 xehed li jiggestixxi bar go San Gwann li jismu Mensija bar. Lil imputat jafu peress li kien jigi ma shabu fil-hanut gestit mix-xhud. Oltre li kien jigi sabiex jixrob fil-hanut tieghu kien jigi biex ibieghlu xi affarijiet peress li l-imputat kien jirraprezenta lid-ditta Alf Mizzi and Sons Limited. Darba wahda l-imputat kien ordna xi konsenja ta' oggetti f'isem ix-xhud u filfatt jiftakar li darba filghodu sab dawn l-oggetti fil-hanut tieghu. Sussegwemtenet giet persuna u hadet dawn l-oggetti, dawn l-oggeti ma kienx ordnahom hu u kienu affarijiet ta' groceries, cioe' oggetti li ma kellhomx x'jaqsmu mal-bar tieghu. Id-dokument li kien mal-oggetti kien iffirmat minn missieru li kien dak il-hin fil-hanut in kwistjoni, meta dahal fil-hanut sab l-oggetti diga hemm. Il-persuna li gabret l-oggetti qaltlu li jfehmu Christopher Cassar. Meta kellem lil Christopher Cassar fuq dawn l-oggeti, l-imputat qal li l-persuna li hadhom ghand xi hanut.

**George Sammut** xehed fis-seduta tas- 26 ta' Lulju 1991. Huwa xehed li jifforma parti minn ditta kummercjali Portelli and Sammut. Lill-imputat jafu peress li kienu jahdmu flimkien bhala Salesman mad-ditta Alf. Mizzi and Sons Limited. Wara li telaq minn mad-ditta Alf Mizzi and Sons Ltd, ma zamx kuntatt mal-imputat fis-sens li ma baqghux jiltaqghu ta' kuljum izda zammew kuntatti ma xulxin. Id-ditta ta' Portelli and Sammut bdiet taghmel ordnijiet minghand id-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Ltd, permezz tal-imputat. Hemm kontijiet pendenti bejn id-ditta li hu ghandu sehem u d-ditta ta' Alf Mizzi and Sons. Qeghdin lura fil-hlas lil Alf Mizzi and Sons ghal konsenji li saru xahrejn mil-lum. Ghas-snin 89 u 1990 ma ghandhom l-ebda pendenza dejjem vis-a-vis l-istess ditta. Meta hu u siehbu Charles Portelli kienu spiccaw jahdmu minghand Alf Mizzi and Sons, dan ghal bidu ma riedx jaghtihom xoghol sakemm hu u siehbu kienu gabru l-flus kollha dovuti lill-istess ditta. Avolja ma setghux jixtru minghand id-ditta ta' Alf Mizzi and Sons pero xorta hu u siehbu xtraw oggetti minghand Christopher Cassar. Dawn l-oggetti li xtraw minghand Alf Mizzi and Sons huma hallsuhom u halsu direttament lil Christopher Cassar. Ma jiftakarx kemm kien l-ammont li huma halsu lil Christopher Cassar. Jikkonferma ukoll li siehbu kien ircieva l-ittra anonoma li semma fix-xhieda tieghu, ma kinitx ittra izda karta in rigward l-oggetti li xtraw minn ghand Cassar u li huma kienu halsu. Kien hemm imnizzel ammont li allegatament kien dovut minnhom lid-ditta ta' Alf Mizzi and Sons, liema ammont kien jilhaq l-ammont ta' elfejn u seba' mitt lira.

Meta rcevew din l-ittra jew karta anonoma, hu personalment hadha ghand Alf Mizzi and Sons Limited peress li ma ghandux faham miblul. Meta ha din il-karta jew karti lid-ditta ta' Alf Mizzi and Sons, is-Sur Brockdorf li kellem fuqha irringarazzjah. Is-sur Brockdorf lanqas ma qallu li hu u siehbu ghandhom jaghtu xi haga lid-ditta rapprezentata minnu.

**Louis Sargeant** xehed fis-seduta tal- 21 ta' Gunju, 1991 u xehed li ghandu hanut bl-isem ta' M4 Supermarket li jinsab H'Attard. Jaf l-imputat bhala salesman mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons. Originarjament mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons kien jixtri on credit imbaghad wara kien ihallas bic-cheque. Prezentament jimxi mal-istess ditta on credit billi johroglu cekk li jkun post dated ghal tletin gurnata wara. Dwar krediti li

setgha kellu fl-1989 favur id-ditta jghid li ma ghandu jaghti xejn rigward dik is-sena. Il-hanut M4 hadu fi Frar 1989.

**Mary Cachia** xehdet fis-seduta tal- 21 ta' Gunju, 1991 li tarma fuq il-monti. Lill-imputat tafu bhala salesman mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Limited. Kien jigi ghandha darbtejn fil-gimgha. Kien jigi jumejn qabel sabiex jiehu l-ordni imbaghad kull nhar ta' Hamis kien jaghmlilha l-konsenja tal-oggetti li tkun ordnat. Bhala kontijiet ma ghandhiex pendenti mad-ditta. Sal-lum tixtri minghand l-istess ditta u qatt ma rceviet dwar xi kont ta' oggetti li ma xtratx minghand l-istess ditta. Il-prezz tal-oggetti li kienet tordna minghand Cassar kien jvarja pero dan fil-gimgha qatt ma kien jaqbez it-tlett mitt lira bhala valur.

**Charles Magrin** xehed fis-seduta tal- 4 ta' Novembru, 1991 li ghandu hanut self service go Birkirkara Road, San Giljan. Il-hanut jismu Save Way. Lill-imputat jafu permezz tad-ditta Alf. Mizzi and Sons Limited. Sal-lum ghadu jiehu ix-xoghol minghand id-ditta li semma. Hallas l-oggetti kollha konsenjati lilu minn din id-ditta mal-konsenja cioe' cash on delivery u prezentement ma ghandu l-ebda pendenza ma' din id-ditta. Meta l-imputat kien salesman ma' din id-ditta, kien ihallas fil-pront mal-konsenja. Gieli kien jittardja fil-hlas ghal xi gimgha, ghalhekk id-ditta kienet tibghatlu xi statement izda qatt ma kellu kwistjonijiet dwar hlas ma' din id-ditta.

**Albert Bezzina** xehed fit- 13 ta' Marzu, 1992 li ghandu hanut tal-Grocer bl-isem ta' Bezzina Greengrocer go San Gwann. Lill-imputat prezenti fl-awla jafu, gieli gie ghandu bhala salesman in rapprezentanza tad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Limited. Ma ghandu l-ebda kont pendenti mad-ditta Alf. Mizzi and Sons Limited. L-aktar li kien idum biex ihallas lil din id-ditta kien xi hmistax-il gurnata. Jekk kien ikollha flus, kien jaghtihom lil salesman mal-konsenja, pero jekk ma kienx ikollu bizzejjed kien idum xi ftit, pero mhux aktar minn hmistax sabiex ihallas. Qatt ma kellu kwistjonijiet ta' hlas mad-ditta. Meta dam ma jhallas dan kien ghal massimu ta' hmistax il-gurnata. Qatt ma kellu kwistjoni dwar hlas mad-ditta ta' Alf. Mizzi and Sons Limited. Qatt ma rcieva minghand din id-ditta xi invoice in rigward xoghol li qatt ma gie konsenjat lilu.

**Mario Tanti** xehed fis-seduta tat- 13 ta' Marzu, 1992. Huwa jaf lill-imputat bhala salesman mad-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Limited. Kien ihallas id-ditta 'on a credit

basis'. L-iktar li kien idum biex ihallas kien massimu ta' hmistax-il gurnata. Kien dejjem ihallas b'cheque lil imputat u kien jiktbu fuq id-ditta ta' Alf Mizzi and Sons Limited. Qatt ma rcieva xi kont minghand id-ditta ta' xi xoghol li kien gia hallas ghalih jew dwar xoghol li qatt ma gie konsenjat lilu.

**Raymond Abela** fis-seduta tat- 28 ta' Ottubru 1992 xehed li kien hemm zmien meta f'idejh kellu Mini Market f'San Giljan bl-isem ta' '*Super Value*'. Dan il-hanut ma ghadux f'idejh peress li x-xahar li ghadda wellieh lil terzi persuni. Fil-perjodu li kien f'idejh u cioe' madwar ghaxar snin, kien jixtri merkanzija minghand id-ditta ta' Alf. Mizzi and Sons Limited. Is-salesman li kien ta' din id-ditta ma jafx x'jismu pero jaghrfu minn wiccu bhala l-imputat li qed jara prezenti fl-awla. Kien ihallas abbazi ta' kreditu peress li ma kienx izomm ruhu midjum mal-istess ditta ghal aktar minn zewg okkazzjonijiet cioe' zewg invoices. L-aktar li dam ma jhallas lill-istess ditta kien ghal xahar u gimgha. In oltre, kellu jaghti on a credit basis lill-istess ditta, ammont li ma kienx ilahhaq aktar minn LM150 jew LM200. Qatt ma rcieva kont minghand l-istess ditta dwar li kellu jaghtih lill-istess ditta.

L-imputat **Christopher Cassar** xehed diversi drabi quddiem l-Ewwel Qorti. Fl- 14 ta' April, 1993 xehed fost affarijiet ohra li fl-1989 kien joqghod l-Imsida u kien jghix mal-mara u kellu tifel. Kien jahdem mad-ditta' Alf Mizzi and Sons ltd. L-ewwel beda bhala delivery man imbaghad sussegwentement sar salesman tal-istess ditta. Wara certu zmien kien inqala trouble mal-mara. Huwa ta' spjegazzjoni dwar dak li kien jaghmel Debattista u spjega li l-impressjoni tieghu kienet li kien hemm ftehim bejn Giovanni Azzopardi u dan Debattista li semma sabiex jittiehdu l-flus tieghu li kien jigbor minn negozju, cioe' mill-impjieg tieghu bhala salesman. Spjega li Roy Debattista li kompla jipressa u eventwalment ma jafx il-ghala, beda jaghti l-flus lil Debattista. Spjega li '*Meta qed insemmi flus, qed insemmi dawk il-flus li jiena kont nigbor minghand il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jiena kont nghaddielu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn lira.*' Xehed li '*Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista is-somma ta' LM22,000.*' Spjega fost affarijiet ohra li '*Meta kont naghti l-flus li semmejt lil Debattista kien ikun hemm dejjem prezenti Giovanni Azzopardi. Fil-fatt, it-tnejn min nies kienu dejjem jistennewni wara li jiena inkun spiccajt mix-xoghol. Hawnhekk nixtieq nispjega li x-xoghol dejjem konna niehduh fuq isimna proprju.Kien hemm zmien meta Giovanni Azzopardi ried xi xoghol ghalih, u ghalhekk kelli bilfors naghmel ordnijiet sabiex jigu*

*ikkonsenjati lill-istess Azzopardi pero fuq isem hwienet ohra sabiex, u l-iskop kienet sabiex l-istess Azzopardi ma jidhirx.'* L-imputat rega xehed fis-seduta tal- 20 ta' Marzu, 1995 fejn huwa ta' spjegazzjoni dwar it-theddid li rcieva. L-imputat rega xehed fis- 17 ta' April, 1998 fejn fost fatti ohra xehed li '*Fi zmien qasir jien tajtu flus lir-Roy Debattista pero ma nafx ezattament kemm tajtu. Meta kont naghtieh il-flus, huwa kien inizzel fuq ktieb ahdar zghir. Dan kien notebook bil-linji.*' Spjega li '*Nixtieq nghid illi Victor Brogdorf li jahdem mas-socjeta' Alf Mizzi and Sons Limited, kien qed jaghmel cross checking tal-accounts. Minhabba hekk, ghidtilhom lil Giovanni Azzopardi u lill-iehor, li ma stajtx naghtiehom aktar flus.*' Xehed li '*Issa hawnhekk qed niftakar li lilhom kont tajthom madwar Lm20,000. Hawnhekk Roy Azzopardi issuggerili li jien nohrog invoices fuq klijenti ohra sabiex lilu u lill-ohrajn naghtiehom ix-xoghol. Xhieda ta' dan hemm delivery man, impjegat ma' l-istess ditta' bl-isem ta' Jesmond. Dan kien jikkonsenja x-xoghol tieghi.*' Xehed li '*Fil-fatt jien kont ghidt lil dan Jesmond sabiex jiehu l-invoices u x-xoghol f'post wiehed dejjem, cioe' fil-garaxx ta' Giovanni Azzopardi.*'

Xehed li '*s-salesmen kollha tal-kumpanija kienu jaghtu xoghol lil dan Portelli fuq isem haddiehor, u dan minhabba li l-kont tieghu ma' l-istess ditta' kien lahaq tali grad li ma setax jiehu aktar xoghol minn ghand l-istess ditta'*.' Xehed li '*l-istorja ta' Charles Portelli kienet bdiet qabel dik ta' Roy u l-iehor. In rigward Charles Portelli, jien kont nikkonsenjalu xoghol pero l-invoice kont nohorgu fuq xi hadd iehor, kien ihallasni Charles Portelli ta' dawn l-invoices. Dawn il-flus li kien jaghtini Charles Portelli kont naghtiehom lura lid-ditta'*.' Xehed li '*Giovanni Azzopardi kien jaf b'din is-sistema li konna nuzaw is-salesmen ma' dan Charles Portelli. Ghalhekk kien gie ghandi u ssuggerixxi li jien niehu xoghol, nikkonsenjah lilu, lil Azzopardi pero fuq isem haddiehor.*' Spjega li '*Charles Portelli kien, certu zmien, jaghtini madwar LM3,000. In rigward dan id-dejn li ghad kellu Charles Portelli mieghi, jien kont nizzilt kollox fuq debit sheet u bghadtha lis-sur Brogdorf li semmejt sabiex jibaghat ghal Portelli.*' Xehed li '*Jien nahseb illi sallum il-flus dovuti minn Charles Portelli ghadhom ma ngabrux minn ghand Mizzi and Sons Limited. Jien dan qed nghidu peress illi Charles Portelli kien qal meta xehed li m'ghandux x'jaghti xejn lid-ditta'*.' Spjega li '*Fl-istess sitwazzjoni ta' Portelli kien hemm certu wiehed Michael tal-Monti minn Naxxar. Dan kellu jaghtini globalment madwar LM9,000. Nofs dan l-ammont kienu gew irkuprati, pero n-nofs l-iehor kien hadu Roy Debattista.*' Xehed li '*Michael tal-Monti kien certu Michael Cachia. Dan kellu credit limit ta' LM2,000 u sabiex ikun jista' jiehu merkanzija oltre l-Lm2,000, kelli nohrog invoices fuq persuni ohrajn.*' Spjega li '*Jien infurmajt lil Michael Cachia li kienet*

*hierga sistema ta' invoicing gdida a bazi ta' computer. Dan qalli li ma setax jaghtini l-flus.'* Spjega li '*Jien kelli niffirma dik l-iskrittura quddiem in-Nutar peress illi kont mhedded li kienu ser joqtluli lill-mara u lit-tifla jew lit-tifel. Dak iz-zmien fil-fatt kelli t-tifel biss.*' Li '*A bazi ta' din l-iskrittura, Roy Debattista beda jigbor direttament il-flus minn ghand Michael Cachia tal-monti. Il-pagamenti kellhom isiru minn Cachia lil Debattista a bazi ta' LM100 fil-gimgha.*' Spjega li '*Jekk niftakar sew kont bghatt xi karti ta' Cachia lil Alf Mizzi and Sons. Dan kien meta gejt lura minn barra. minhabba hekk, bdew jigbru direttament il-flus minn ghand Cachia d-ditta' Alf Mizzi and Sons.*'

L-imputat rega xehed fit- 18 ta' Marzu, 2002 fost affarijiet ohra spjega li '*Bhala dokument kelli wkoll ingib kopja ta'cekk. Din il-kopja ser ingibha f'seduta ohra ghax missieri biddel il-combination tal-attache case tieghi u ma stajtx niftaha. Dan ser nippresentah ghax Giovanni Azzopardi, fix-xhieda tieghu qal li qatt ma kien hallasni b'cekk. Fil-fatt il-kopja tac-cekk li xtaqt nesebixxi huwa cekk mahrug favur tieghi mill-istess Giovanni Azzopardi.*' Spjega li '*Nixtieq nippreciza li dan ic-cekk huwa mahrug mhux favur tieghi, izda favur Alf. Mizzi & Sons Ltd.*' Giovanni Azzopardi kien allega li kien hallas cash. Giovanni Azzopardi kien ihallsu b'cheques. Spjega li dak li ghamel kien minhabba Roy Debattista u Giovanni Azzopardi u li n-negozju taghhom kiber u ghalhekk ma ghamlux b'kapricc. Sa fejn jaf hu, id-ditta Alf. Mizzi & Sons Ltd kienet koperta b'assigurazzjoni kontra serq, distruzzjoni ta' affarijiet. Personalment kien kopert b'assigurazzjoni. Christopher Cassar rega xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn prezenta dokumenti.

Wara li kien hemm bdil fil-Magistrat sedenti quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat rega xehed fit- 22 ta' Lulju 2016. Spjega li '*kien wegga' wiehed, Triganza, kiser idu u ma setax isuq. ghax hemm hekk kien hemm sistema fejn is- salesman l- ewwel jigbor l- ordnijiet u filghaxija iqassam ix- xoghol. U allura kien hemm bzonn xi hadd li jsuqlu t- trakk u jqassam l-affarijiet filghaxija. Ovjament dan ghamel xi xahrejn b'idejh fil- gibs u ghalhekk ma setax isuq. U jien sa dan it- tant tghallimt is- sistema tal-klienti u d- deliveries u l- orders u invoicing kif isiru, kien kollox manwali. Imbghad gara li dan Adrian Triganza kien irrezenja mis- socjeta Alf Mizzi & Sons. Dak iz-zmien kien hemm certu wiehed Joseph Conti, qalli issa li tghallimt u kollox u taf lill- klienti, qalli tithajjar ssir salesman? U accettajt. Biss f'dak iz-zmien li ghamilt ma Triganza rajt affarijiet li ma kienux f' posthom. Ezempju Alf Mizzi & Sons kienu jaghmlu offerti, ezempju tixtri 100 kaxxa u jaghtuk 10 b'xejn. U dan Triganza kien izomm dawn l-10 kaxxi ghalih u ghidtlu x'inti taghmel? Imbghad kien johrog perkazu*

*10 klienti u kien jaghtihom 10 kull wiehed biex hu jaghmel 10 invoices separati imma johroghom fuq klient wiehed biex hu izomm dawk l-10 kaxxi zejda u jbieghhom fuq l- idejn. Ghidtlu din x'kummiedja hi? Qalli mhix kummiedja xejn'*. Jghid li kienet qisha n-norma gewwa Alf Mizzi, salesmen kienu qeghdin jimmanipulaw is-sitwazzjoni. Jghid li qieghed jigi mfittex fuq frodi u karti mbaghbsin u jghid li '*din il-bicca xoghol kienet tigri ta' kuljum minn kulhadd, minn kull salesman. Imma jien ma kontx qed naghmilha. Biss ghal xi mod jew iehor, Giovanni Azzopardi kien aware x'kien qed jigri. L-ewwel nett Malta zghira u s- sistema kienet open jigifieri ghall-abbuzi kollha. Wara li saret is- sistema elettronika gie kkontrollat kollox u nahseb li Alf Mizzi & Sons kienu aware x'kien qed jigri wkoll ghax kieku ma kinitx tigi kkontrollata.*'

Interessanti li jixhed li '*l-affarijiet kienu johorgu f'ismi qed tifhem u hemm hekk taghmel lili l-kreditur li ghandi naghti lil Alf Mizzi. il-punt hu hawn. Jekk jien hrigt bix-xoghol fuq ismi, jien gejt responsabbli tal-flus jew tal- merkazija. Il- punt hu hawn. Ma nafx jekk hux frodi jew inkella ghandi naghti lil Alf Mizzi*'. Mistoqsi '*Inti qed tghid li s- sitwazzjoni tieghek kienet dak iz-zmien li inti kont tohrog il- merkanzija fuq ismek u allura inti tidher ma' Alf Mizzi li ghandek taghti l- flus lil Alf Mizzi. Qed nifhem sew.*' wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi '*Jigifieri inti tigi d- debitur ta Alf Mizzi ghal dik is- somma ta' merkanzija li tkun hrigt, qed nghid sew?*' Wiegeb '*Il- punt huwa li tohorgu fejn tohorgu x- xoghol m ghandux jigi kkalkulat*' Spjega li '*Jekk imur grossista jixtri l- affarijiet minghand Alf Mizzi, dak il-grossista huwa l- bniedem responsabbli tal- flus. issa fejn ser ibieghu u kif ser johrog il- karti affarih. Issa jien kont nohrog il- merkanzija fuq ismi. Mela jien kont responsabbli ghall-flus. issa jekk sarx frodi jew le dak imbghad tiddeciedi l-Qorti*' Mistoqsi '*Inti kont tiehu x- xoghol minghand Alf Mizzi u inti tibqa tidher ma Alf Mizzi li ghandek taghti l- flus ghal dik il-merkanzija*' wiegeb '*Ezatt. Issa dan konna filghodu nohorgulu l- ordnijiet u nigbru lista u naghmlu summary tal- orders u tghaqqad kollox u ghandek 100 kaxxa kunserva, 100 kaxxa pizelli u imbghad tohrog invoice fuq ismi li kont niffirma ghaliha. Imbghad rrid nohrog l-invoices separati ghal kull hanut. U wara li tqassam tmur tipparkja t-trakk in- Naxxar fejn kellhom depot tat- trakkijiet u wara kont ninzel lejn id- dar. u din kuljum mit- Tnejn sal-Gimgha. Biss kienu jsiru spot checks tal- black book jghidulu. Dan kien jikkontrolla kemm hargu flus, invoices, mal- flus pendenti li ghandi nigbor. Ghaliex certu klienti kien ikollhom il- kreditu. Issa li ma kontx stajt nifhem, trid tkun responsabbli xorta, kif kont niffirma ghall-karti responsabbilta jiena imma l-klienti kienu jkunu bi kreditu dirett ma Alf Mizzi mhux mieghi. Imma jien kont niehu x-xoghol fuq ismi mhux kont nohrog ix-xoghol fuq l-individwi.*

*Hemm hekk hemm punt naqra delikat hafna fejn nixtieq nara ghaliex qed inkun responsabbli ghal dan ix-xoghol. Dan il- black book kien jigi kkontrollat minn Von Brockdorff u jara l-klienti kollha. Imma fejn kien hemm bhal Michael Cachia fejn dan kien qiegehd lura fil-pagamenti,'* Spjega li '*Michael Cachia kien street hawker, grossist u dan kien joqghod go garaxx kbir in-Naxxar u kien klient tajjeb hafna u jahdem bil- ghaqal imma kien qed ikabbar in- negozju tieghu u ma kienx qed ilahhaq mal- pagamenti. Biss kien jitlobni biex nghinu kif kien jghinu haddiehor.*' Jigifieri '*Nohroglu x- xoghol fuq isem haddiehor. Imma jien biex nghinu nkabbar is- sales tieghu ukoll u kont nohroglu s- sales fuq haddiehor imma kien ihallas dejjem.*' Jghid li '*jkollu stop orders jekk ikun lahaq il- credit limit*'. Spjega li '*Dan kien f'punt li jekk ma taghtihx ix-xoghol, ikollu jaghlaq u tispicca b'xejn. Imma l- izball kien li ma kontx nitkellimhom dawn l-affarijiet ghax forsi kieku s- sales manager kien jghollilu l-credit limit u kien jaghtih iktar xoghol*'.

Spjega li '*Fl-istess hin kien hemm persuna ohra li kien Carmel Portelli u kellu partner mieghu Anthony li kunjomu ma niftakrux imma nahseb fix- xhieda qieghed hemm hekk. Dan kien fl- istess sitwazzjoni imma dan kien grossist. Kien jahdem ma Alf Mizzi fejn dan is-salesmen kollha kienu qed jaghtuh. Kellu warehouse enormi mimlija bix-xoghol ta' Alf Mizzi biss u kien tella' d- dejn u mieghi kien tella' xi 8000. Meta tlabtu l- flus qalli m'ghandix biex inhallsek. U anke Michael Cachia.*' Spjega li '*meta jien kont tlaqt minn Malta, kont qabbadt lil hija u tajtu envelope biex jinpustah u kelli debt book, kelli zewg mazzi, kelli mazz li kien bil- black book u kelli mazz iehor li kont nuri lil Brockdroff biex jammonta l- ammonti ezatt. Li kien hemm mad-debitu. Kont bghatt il-mazz li kien reali, ezampju l-bilanc reali ta' Michael Cachia u ta' hafna insomma u kont bghattu lil Brockdorff biex jipprova jirkupra imma ma kontx ghidtilhom lil Azzopardi*'. Mistoqsi ghalfejn kien hemm black book reali u wiehed mhux reali, wiegeb '*Ghax kien jinduna li hemm invoices mhux fuq haddiehor*'.

Spjega li '*ma nafx xi ngabar u ma ngabarx biss jien kont ghint hafna lill- pulizija ghaliex kont tajthom kopji tal-invoices li kien hargu fuq haddiehor u l- pulizija ghamlu ezercizzju kbir hafna, domna xi 10 ijiem induru ma Malta kollha b'invoices li kienu hargu fuq hanut u imbghad kienu marru ghand Giovanni Azzopardi. Tajthom kopja ta kollox u kont ikkoperajt hafna halli l-process jimxi u anke meta kellhom bzonn xi nformazzjoni tajtielhom. Issa meta Alf Mizzi beda jipprepara biex idawwar is- sistema minn manwali, jien kont avzajtu lil Roy Debattista li issa daqshekk ghax* impossibbli *ghax imbghad bdew johorgu b'sistema elettronika, u dan huwa c- cekk li Giovanni Azzopardi qal li ma harigx ghas-somma ta' . . . .*' Dawn qeghdin a fol 269, 270 u 271. Xehed li '*Dawn ma kienux kuntenti li hadu 20,000*

*jew 21,000. Infatti bdew jaghmlu pressure kbira u bdew jheddu iktar biex nghaddi x- xoghol, trakkijiet shah infatti ghal ghandhom imma ma jkunx fuq isimhom. u hu beda jghid li hallas cash. u wrejtek dak ic- cekk ghax hu qal li ma hallasx imma hu ha xi 4 trakkijiet shah mingahnd Alf Mizzi li jammontaw flus kbar u qalli li hallas cash. Ghidtlu hallast cash meta inti stajt taghmel cekkijiet lil Alf Mizzi? U ghalhekk wrejt dak. Ghax kien hemm xi 4 consignments, trakkijiet shah, li marru direttament ghand Azzopardi u li ghamel delivery taghhom Jesmond is- salesman. Dan Jesmond la kien involut u xejn. Kien just jaghmel ix- xoghol tieghu. darba minnhom kien dahal jahdem mas- socjeta Alf Mizzi, certu David Tortell u dan ghazel li jqatta gimgha fil- bidu tal- job tieghu , gimgha mieghi idur il- hwienet u hekk u ovjament ma stajtx nghaddi flus lil Roy Debattista ghax il- flus kollha li kont qed nigbor kont qed nghaddiehom direttament lis- socjeta' Alf Mizzi. Ghax dan David Tortell kien jaf x'ammonti qed nigbor u hekk. Meta dan m'ghaddejtlux il-flus gie mal-Wangi wkoll halli jara ghaliex m' ghaddejtlux il- flus. F'invoice minnhom li harget fuq Mensija Bar San Gwann u l-proprjetarju tal-bar kien cert li x xoghol li kont tajtu kien whisky u xi cikkulata imma mar gabru Roy Debattista bil- Volkswagen Golf tieghu. Hawn hekk irrid nuri li dan ix-xoghol li kien qed johrog fuq klienti beda jmur ghand Giovanni Azzopardi u ghand Roy Debattista jigifieri hem hekk kien qed jinkrimina ruhu wkoll'.*

L-ordnijiet kienu johorgu fuq klienti li kienu regolari generalment. Jghid li Debattista u t-tnejn li huma riedu li johrog jerga invoice fuq Giovanni Azzopardi u jiffirmaha li hija mhallsa lesta, li hallas cash u ma jkunx hallas xejn. Jiftakar li hareg invoice izda ma jiftakarx jekk iffirmax li hija paid cash. Xehed ukoll li '*kien sar meeting bejni u bejn Michael Cachia u Roy Debattista fejn ir- Roy mar bil- karta li kont ffirmajtlu jien li ssellift LM8000 u qallu dan ghandu jaghtini u trid tibda thallasni inti u ma nafx kif dan qabad jaghtih il- flus u qabad jigbor xi LM100 fil- gimgha minghand Cachia. Imma imbghad Cachia waqaf ihallas lil Roy Debattista wara li jien bghatt dawk il-karti lil Alf Mizzi & Sons...*' Dwar Roy Debattista qal li '*jaf li hu ha l-flus kollha li jien kont qed nigbor ta' Alf Mizzi & Sons taht theddid u b'armi tan-nar. Barra minn hekk jaf li hu ried jehles minni ghax jaf li jekk kont ser nitkellem kien ser jidhol fit-trouble*'

In kontro-ezami mistoqsi '*Inti ghidt ukoll li ma tistax tifhem kif qieghed hawn, kif Alf Mizzi tellghuk hawn minhabba frodi u misaproprjazzjoni. Fil-bidu tax-xhieda tieghek ghamilt dan il- kumment. Ha nirreferik ghal dak li xhedt. 'Eventwalment ma nafx ghala, jien bdejt naghti l-flus lil Debattista. Meta qed insemmi l-flus, qed insemmi dawk il-flus li jien kont nigbor minghand il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jien kont nghaddilu somom ta'*

*flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn lira. Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista s-somma ta' LM22,000.' Tista tispjegalna allura dawn il-flus kienu tieghek? Ta' Debattista jew ta' Alf Mizzi?'* wiegeb *'Kienu ta' Alf Mizzi fdati lili'.* Mistoqsi mill-Qorti '*Jien li qed nifhem li inti mhux mhux veru li ghaddejt dawn il-flus lil Roy Debattista imma li inti ghamilt dan ghax kont qed tigi mhedded. Inti hekk qed tghid*' wiegeb '*Jekk taghmel daqxejn mathematics, jien tlift mhux iggwadanjajt*'.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ghalhekk sejra tqis jekk lil hin mill-kwistjoni dwar jekk l-appellant kienx imgieghel u cioe' kienx hemm il-ko erzjoni sabiex jaghmel li ghamel, jekk bl-agir tieghu kkomettiex approprjazzjoni in debita.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghat-tghallim gurisprudenzjali dwar dan ir-reat. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'**[8] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor. Dan ir-reat jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarament u mhux jittieħed kontra l-volonta' jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu ukoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus John Gauci'**[9] dwar l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat li:

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997

*indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Sylvana Briffa) vs. Keith Arthur Mayho'**[10] gie meqjus li:

'*That, as regards the present case, if reference is made to the three elements mentioned in the judgment above- referred to, **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**, whereas from the evidence brought forward it can safely be said that the first two elements have been satisfied, the same cannot be said as regards the third element. The proof that the accused has converted to his benefit or to the benefit of any other person is surely lacking. It should also be noted that no proof whatsoever was brought forward as to what actually happened to the freezer in question and who actually removed it, which the accused says was removed by someone when he was abroad on a holiday and who had removed the freezer without him knowing. As regards the fact that there was a time when the accused used to use the freezer to store some ice cubes in it, when he was not permitted to do so, not even this can be considered as misappropriation.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan,**[11] gie kkunsidrat li:

'*In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided:*

***"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:***

***1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil***

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Frar, 2013 (Numru: 143/2012)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2013 (Numru: 77/2019)

***agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.***

***2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.***

***3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;***

***4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;***

***5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"*** *(The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

***"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale****, Giuffre` (Milano), 1986, Parte*

*Speciale, Vol. 1, p. 276)*[12]

*The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.*

*Finally the mens rea or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (**Commento al Codice Italiano UTET (1922)** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per***

[12] The Police vs Francis Camilleri - 25 June 2001 – Court of Criminal Appeal (Inferior) (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

***mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. <u>In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo</u>."***

*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.*''

Dak li l-appellant qieghed jissottometti huwa li huwa kien assuma l-kwalita' guridika ta' klijent ta' din id-ditta bl-obbligu li huwa stess ihallas il-prezz tal-merkanzija mibjugha u li ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li dak li qieghed jissottometti l-appellant huwa li ma kien hemm l-ebda *conversion* mehtieg sabiex jissusisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Sabiex jissusisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-akkuzat ikun gie fdat xi haga ghal uzu specifiku u li minflok idawwar dak l-oggett jew dawk il-flus bi gwadan ghalih jew ghal haddiehor. Ghalhekk f'kaz fejn impjegat ikun fdat biex jigbor flejjes u l-impjegat ma jghaddihomx lil principal izda jzommhom ghalih innifisu jew jaghtihom lil haddiehor ikun hati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Ghalhekk kollox jiddependi fuq ir-relazzjoni li kien hemm bejn l-appellant u s-socjeta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited. Victor Brockdorff kien xehed li '*Kien hemm klijenti li kellhom il-kont taghhom direttament mal-kumpanija, kien hemm tip ta' klijent iehor pero li kellu jhallas direttament lis-salesman. Cioe' il-klijent kien jhallas direttament lis-salesman*'. Xehed li '*Sussegwentement il-flus kollha ta' dawn il-bejgh li jkun sar jrid jasal ghand id-ditta. F'dawk il-kazijiet meta jkun hemm klijent li ghandu relazzjoni diretta mad-ditta u jrid jhallas direttament lid-ditta, kien jmur is-salesman ghand dan il-klijent u jigbor il-flus, imma is-salesman* ***<u>eventwalment ghandu jikkonsenjahom lid-ditta</u>***.' Spjega li '*Anke fil-kazijiet l-ohrajn fit-tipi ta' tranzazjonijiet ohrajn li semmejt hawn fuq cioe' fejn kien hemm relazzjoni diretta bejnis-salesman u l-klijent l-istess salesman kien hsieb li jigbor il-flus.*' Spjega li ***<u>'Eventwalment, pero anke f'dawn il-kazijiet il-flus kellhom jidhlu f'idejn id-ditta</u>****. F'dawn il-kazijiet kif diga spjegajt kif diga spjegajt is-salesman kien jkollu kont direttament*

*hu mad-ditta. Dan il-kont kien jkun on a credit basis. F'dawn il-kazijiet id-ditta kienet tohrog invoice direttament fuq is-salesman.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk skont Victor Brockdorff kien hemm zewg sistemi, sistema fejn il-klijent ihallas direttament lid-ditta u sistema ohra fejn il-klijent ihallas lis-salesmen u fejn ghalhekk is-salesman kien ikollu kont direttament mad-ditta u l-kont ikun '*on a credit basis.*' u l-invoice kienet tohrog direttament fuq is-salesman.

L-imputat fis-seduta tat- 22 ta' Lulju 2016 xehed li li '*l-affarijiet kienu johorgu f'ismi qed tifhem u hemm hekk taghmel lili l-kreditur li ghandi naghti lil Alf Mizzi. il-punt hu hawn. Jekk jien hrigt bix-xoghol fuq ismi, jien gejt responsabbli tal-flus jew tal- merkazija. Il-punt hu hawn. Ma nafx jekk hux frodi jew inkella ghandi naghti lil Alf Mizzi*'. Mistoqsi '*Inti qed tghid li s- sitwazzjoni tieghek kienet dak iz-zmien li inti kont tohrog il- merkanzija fuq ismek u allura inti tidher ma' Alf Mizzi li ghandek taghti l- flus lil Alf Mizzi. Qed nifhem sew.*' wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi '*Jigifieri inti tigi d- debitur ta Alf Mizzi ghal dik is- somma ta' merkanzija li tkun hrigt, qed nghid sew?*' Wiegeb '*Il- punt huwa li tohrogu fejn tohorgu x-xoghol m ghandux jigi kkalkulat*' Spjega li '*Jekk imur grossista jixtri l- affarijiet minghand Alf Mizzi, dak il- grossista huwa l- bniedem responsabbli tal- flus. issa fejn ser ibieghu u kif ser johrog il- karti affarih. Issa jien kont nohrog il- merkanzija fuq ismi. Mela jien kont responsabbli ghall-flus. issa jekk sarx frodi jew le dak imbghad tiddeciedi l-Qorti*' Mistoqsi '*Inti kont tiehu x- xoghol minghand Alf Mizzi u inti tibqa tidher ma Alf Mizzi li ghandek taghti l- flus ghal dik il- merkanzija*' wiegeb '*Ezatt. Issa dan konna filghodu nohorgulu l-ordnijiet u nigbru lista u naghmlu summary tal- orders u tghaqqad kollox u ghandek 100 kaxxa kunserva, 100 kaxxa pizelli u imbghad tohrog invoice fuq ismi li kont niffirma ghaliha. Imbghad rrid nohrog l- invoices separati ghal kull hantu. U wara li tqassam tmur tipparkja t-trakk in- Naxxar fejn kellhom depot tat- trakkijiet u wara kont ninzel lejn id- dar. u din kuljum mit- Tnejn sal- Gimgha. Biss kienu jsiru spot checks tal- black book jghidulu. Dan kien jikkontrolla kemm hargu flus, invoices, mal- flus pendenti li ghandi nigbor. Ghaliex certu klienti kien ikollhom il- kreditu. Issa li ma kontx stajt nifhem, trid tkun responsabbli xorta, kif kont niffirma ghall-karti responsabbilta jiena imma l-klienti kienu jkunu bi kreditu dirett ma Alf Mizzi mhux mieghi. Imma jien kont niehu x-xoghol fuq ismi mhux kont nohrog ix-xoghol fuq l-individwi. Hemm hekk hemm punt naqra delikat hafna fejn nixtieq nara ghaliex qed inkun responsabbli ghal dan ix-xoghol.*' In kontro-ezami mistoqsi '*Inti ghidt ukoll li ma tistax tifhem kif qieghed hawn, kif Alf Mizzi tellghuk hawn minhabba frodi u misaproprjazzjoni. Fil-bidu tax-xhieda tieghek ghamilt dan il- kumment. Ha nirreferik ghal*

*dak li xhedt. 'Eventwalment ma nafx ghala, jien bdejt naghti l-flus lil Debattista. Meta qed insemmi l-flus, qed insemmi dawk il-flus li jien kont nigbor minghand il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jien kont nghaddilu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn lira. Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista s-somma ta' LM22,000.' Tista tispjegalna allura dawn il-flus kienu tieghek? Ta' Debattista jew ta' Alf Mizzi?'* wiegeb *'Kienu ta' Alf Mizzi fdati lili'.*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

*'Quddiem din il-Qorti, kif preseduta, f'punt minnhom fix-xhieda tieghu, l-imputat jittenta jargumenta illi stante illi x-xoghol kien johrog fuq ismu, huwa kien sempliciment debitur tad-ditta, bl-istess mod bhal grossista li jixtri l-merkanzija minghand id-ditta. Skont hu, mbaghad, fejn ibiegh il-merkanzija u kif johrog il- karti, affarih. Biss meta mistoqsi in kontro-ezami dwar dan il-kumment tieghu u mistoqsi specifikatament b'referenza ghal dak li kien qal fix-xhieda tieghu precedenti fis-sens illi huwa kien beda jaghti l-flus lil Debattista ossia "flus li jiena kont nigbor minghand il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jiena kont nghaddilu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn lira. Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista is-somma ta' Lm22,000", jekk dawn il-flus kienux tieghu, ta' Debattista jew tad-ditta, l-imputat wiegeb illi "<u>Kienu ta' Alf Mizzi fdati lili</u>".*[13]

*Ghalhekk huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti, illi minkejja s-sistemi differenti, kif spjegati mix-xhud Brockdorff, li biha kienet topera l-kumpanija mas-salesmen rispettivi taghha u dan fis-sens illi fil-waqt illi kellha kontijiet diretti mal-klijenti taghha, kien hemm ukoll sistema fejn il-kont kien ikun direttament mas-salesman li da parti tieghu kien jigbor l-ordnijiet minghand il-klijenti tad-ditta u x-xoghol kien f'dan il-kaz johrog fuq ismu, din kienet biss kwistjoni ta' modus operandi divers u xejn izjed. Effettivament fi kliem l-imputat stess u kif jirrizulta car mill- brani fuq citati u anke sottolineati mill-Qorti, il-flejjes li kien qed jigbor l-imputat kienu jingabru minnu ghan-nom tad-ditta li maghha kien impjegat bhala salesman, kienu flejjes tad-ditta u fi kliemu, fdati lilu. L-istess flejjes kienu qeghdin jingabru minghand klijenti tad-ditta u ghalhekk mhux minghand klijenti tieghu u l-bejgh tal- merkanzija kien dejjem isir minnu f'isem id-ditta. Dwar dan, m'hemm l-ebda dubju f'mohh il-Qorti, tant illi effettivament anke meta x-xoghol kien johrog f'isem l-imputat, id-ditta kienet izzomm u tesigi kontroll fuq dan ix-xoghol, kif jirrizulta ampjament mix-xhieda ta' Brockdorff u dan apparti*

[13] A fol. 532 tal-process (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) fis-sentenza appellata)

*illi l-merkanzija kienet tohrog mill-istess ditta, kienet tigi konsenjata mid-delivery man tad-ditta u fuq dokumenti tad-ditta u intestati lkoll f'isimha.*

*Jirrizulta wkoll illi d-diversi xhieda, klijenti tad-ditta, li xehdu matul dawn il- proceduri, ilkoll irrikonoxxew illi huma kienu jixtru l-merkanzija minghand id- ditta u li l-imputat kien sempliciment salesman. Hekk per ezempju, Emanuel Bezzina li kellu hanut gewwa San Gwann, jghid illi lill-imputat jafu bhala salesman mad-ditta Alf Mizzi and Sons (Marketing) Ltd., li kien jaghmel l- ordnijiet ghand l-istess imputat u li dan kien igiblu l-merkanzija. Jghid ukoll illi kontijiet pendenti "mad-ditta"*[14] *ma kellux. Anna Galea li kellha hanut il-Mosta, tghid illi hija kienet tixtri "minghand id-ditta Alf Mizzi and Sons Marketing Limited"*[15] *u li kellha kont pendenti mad-ditta sa xahrejn qabel. Lill-imputat kienet tafu. Alphonse Mifsud, li kellu hanut gewwa l-Mosta, jghid illi huwa kien jaf lill- imputat bhala salesman mad-ditta ta' Mizzi u li kontijiet pendenti mad-ditta ma kellux. Bl-istess mod, Joseph Camilleri li kellu hanut gewwa l-Mosta, jghid illi lill-imputat kien jafu bhala salesman mad-ditta ta' Mizzi u li kontijiet pendent mal- istess ditta kellu biss tal-ahhar xahar. Emanuel Vella li kellu hanut il-Mosta, wkoll jghid illi huwa jaf lill-imputat bhala salesman mad-ditta Alf. Mizzi and Sons (Marketing) Ltd. u jirreferi ghall-kontijiet li kellu pendenti mad-ditta. John Muscat li wkoll kellu hanut il-Mosta, jghid illi huwa kien jaf lill-imputat u li dan "kien igib ix-xoghol ghandi f'isem id-Ditta t'Alf Mizzi".*[16] *Jghid illi huwa dejjem kien jahdem b'cash sales mad-ditta u li ghalhekk ma kellux kont pendenti maghhom. Anna Zahra, li kellha hanut Hal-Qormi, tghid bl-istess mod illi hija taf lill-imputat peress illi kien imur ghandhom sabiex "ibieghlna xi affarijiet tad-Ditta ta' Mizzi".*[17]

---

[14] A fol. 89 tal-process. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) fis-sentenza appellata

[15] A fol. 91 tal-process. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hmistax (15) fis-sentenza appellata)

[16] Ara a fol. 102 u 103 tal-process.) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fis-sentenza appellata)

[17] A fol. 105 u 106 tal-process. F'dan is-sens ara wkoll ix-xhieda ta' Raymond Micallef, a fol. 115 sa 117 tal- process, ix-xhieda ta' Louis Sargeant, a fol. 128 sa 130 tal-process, ix-xhieda ta' Mary Cachia, a fol. 131 sa 133 tal- process, ix-xhieda ta' George Sammut, a fol. 78 sa 81 tal-process, ix-xhieda ta' Charles Magrin, a fol. 97 sa 98 tal- process, ix-xhieda ta' Albert Bezzina, a fol. 116 sa 118 tal-process, ix-xhieda ta' Mario Tanti, a fol. 119 sa 121 tal- process u x-xhieda ta' Raymond Abela, a fol. 144 sa 145 tal-process. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fis-sentenza appellata)

*Finalment irid jinghad ukoll illi tant l-imputat kien ibiegh il-merkanzija ghan-nom tad-ditta, illi kif diga` gie accennat izjed 'il fuq, kien hemm okkazzjonijiet li fihom, huwa kien sahansitra jindika fuq id-dokumenti tad-ditta, isem ta' klijent li ghalih tkun intiza l-merkanzija, meta l-klijent kien fir-realta` ikun haddiehor iehor, f'certi kazijiet, klijent dan ukoll tad-ditta, izda illi l-istess ditta ma kinitx tkun trid tfornih izjed, sakemm ihallas l-pendenzi tieghu maghha jew fi kliem iehor, ghaliex ikun qabez il-credit limit mad-ditta. Biex jahbi dan il-fatt, l-imputat jghid illi huwa kien juri ktieb b'iehor lid-ditta sabiex id-ditta ma tindunax b'dak li kien qed jaghmel hu ossia illi huwa kien qed iforni merkanzija lill-klijenti li d-ditta ma riditx tfornihom sakemm ihallsu l-pendenzi taghhom maghha. Dan juri kemm fil-fatt il-bejgh tal-merkanzija kien isir mid-ditta u li l-imputat kien sempliciment ibiegh il-merkanzija ghan-nom taghha.*

*Ghaldaqstant m'hemmx dubju illi l-elementi materjali tar-reat ikkontemplat fl- Artikolu 293 tal-Kap. 9 jissussistu, kif m'hemmx dubju illi jissussistu wkoll c- cirkostanzi aggravanti fl-Artikolu 294 tal-istess Kapitolu stante illi l-merkanzija in kwistjoni kienet fdata lill-imputat minhabba l-kariga u s-servizz tieghu mad-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.*'

Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti. Jirrizulta li d-delivery notes f'Dok VB1 kienu jinhargu f'isem l-imputat u cioe' Chris Cassar, l-istess jinghad dwar invoices li ukoll jinsabu f'Dok VB1 li ukoll kienu jinhargu f'isem 'Christopher Cassar VAN SALESMAN C/O ALF. MIZZI & SONS LTD' ghalkemm il-letter head ta' dawn id-dokumenti kienet ta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd b'uhud mid-delivery notes jiprovdu fejn u/jew lil min ghandu jsir id-delivery. Jirrizulta ukoll li fl-envelop immarkat bhala Dok VB4 gew esebiti numru ta' invoices mahrugin f'isem klijenti. Filwaqt li fl-envelop immarkat bhala VB3A gew prezentati numru ta' cash sales indirizzati f'isem klijenti u jirrizulta ukoll li numru ta' klijenti xehdu dwar dawn il-cash sales li ma ordnawx u ma rcevewx dik il-konsenja.

Minkejja l-fatt li d-ditta kienet tohrog invoices f'isem l-imputat f'dak li jirrigwarda konsenji li huwa kien is-salesman taghhom, jirrizulta li l-flejjes li huwa kien qieghed jigbor, kien qieghed jigborhom f'isem id-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited u dan fuq ammissjoni tal-appellant stess tant li huwa stess xehed li '*Kienu ta' Alf Mizzi fdati lili*'. B'zieda ma' dan, numru ta' klijenti li xehdu xehdu li jafu lill-imputat bhala salesman ta' din is-socjeta'. Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti, il-kumpanija kienet izomm certu kontrol fuq il-konsenji li jinhargu u l-flejjes li jingabru tant li anke

dokumenti kienu jinhargu f'isem id-ditta. Din il-Qorti tistaqsi jekk ir-relazzjoni tieghu mas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd kienet biss ta' grossist u cioe' ta' debitur tas-socjeta', x'kien l-iskop tal-appellant li fuq certu dokuemtni tad-ditta kien jindika isem klijent flokk l-isem il-proprju ghal min tkun intiza l-merkanzija u dan biex skontu per ezempju biex jghin lil dawn il-klijenti stante li d-ditta ma kinitx tforni lil klijent b'aktar merkanzija qabel ma jhallas dak dovut meta jkun qabel il-credit limit? Li kieku verament l-appellant kien sempliciment klijent tad-ditta u li jsir il-proprjetarju tal-merkanizja bl-obbligu li jhallas il-prezz dovut lid-ditta ma kienx ikun l-ebda skop li l-appellant jagixxi b'dan il-mod ghax kien ikun jista' jikkonsenja u jbiegh il-merkanzija lil min ried hu. Huwa evidenti li l-flus li l-appellant kien jigbor minghand klijenti kienu fl-ewwel lok klijenti mhux tieghu izda ta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited u in oltre' il-flejjes li kien qieghed jigbor minghand il-klijent kien qieghed jigborhom ghan-nom ta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija ta' approprijazzjoni indebita. L-ewwel aggravju u cioe' dak bl-ittra 'A' qieghed jigi michud. Din il-Qorti sejra izda tqis it-tieni aggravju u cioe' rigward l-eccezzjoni tal-koercizzjoni sollevata mill-appellant u dan stante li f'kaz li din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju, l-appellant ma jkunx jista' jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghax-xhieda tal-imputat f'dak li jirrigwarda l-allegat theddid li rcieva. L-imputat fl- 14 ta' April 1993 xehed li meta kien ikollu trouble mal-mara kien jinzel f'mahzen u joqghod ikellem lil Azzopardi. Giovanni Azzopardi kien jaghmilha ta' grossist. F'okkazzjoni wahda, niezel fil-mahzen ta' Azzopardi, wiehed habib tieghu certu Raymond Debattista. Giovanni Azzopardi kien introducieh ma' dan Debattista. Spjega li '*Xi jumejn wara Debattista gabli dokument jew ittra mill-Qorti u qalli li jiena stajt immur il-habs minhabba it-trouble li kelli mal-mara. Fil-fatt ghamilt il-verifiiki mal-avukat tieghi u l-avukat tieghi qalli li ma kien hemm xejn serju fil-fatt.*' Xehed li '*Ma nafx kif din l-ittra li semmejt spiccat f'idejn Debattista. Dik li rajt kienet photocopy. F'din l-ittra kien hemm imnizzel li jiena kont ser nitressq il-Qorti fuq manslaughter. Kien hemm imnizzlin f'dan id-dokument lista ta' nies li*

*kienu ser jingiebu bhala xhieda, li kienu principalment in-nies li jghixu fuqi.'* Spjega li '*Wara xi gimghatejn, l-istess Debattista kien gie ghandi u ma nafx kif ittiehed, imma urieni ritratt tal-mara tieghi Lorraine u it-tifel liema tifel kien fil-buggy. Mill-bibien li kont qed naghraf fuq ir-ritratt, indunajt li dan ir-ritratt ittiehed vicin ir-residenza ta' ommha tinsab f' Tal-Hawli vicin hafna Haz Zabbar. Meta urieni dan ir-ritratt qalli qed tara kif jiena naf fejn toqghod il-mara tieghek.'* Xehed li '*Giovanni Azzopardi li semmejt kien jaf fejn toqghod il-mara tieghi, u dak il-hin dort fuqu u ghidt lil Azzopardi 'ghalfejn qed taghmel hekk?'. Dak il-hin Giovanni donnu inkiser. L-impressjoni tieghi kienet illi kien hemm ftehim bejn Giovanni Azzopardi u dan Debattista li semmejt sabiex jittiehdu il-flus tieghi li kont nigbor min-negozju, cioe mill-impeg tieghi bhala salesman.'* Xehed li '*Meta jiena urejt lil Debattista li ma kontx irrid li naghmel dak li ridni naghmel hu, donnu beda isir aktar aggressiv. Darba fil-fatt kellu revolver fuqu, gabu mieghu. Dan ir-revolver kien kulur tal-fidda u twil qiesu erba' (4) pulzieri. Debattista qalli l-flus aghtiehomli ghax ser immur fuq il-mara u it-tifel u nisparalhom. Meta rajt li l-affarijiet qieghden jiggravaw hekk, jiena mort ghand missier il-mara tieghi, certu Michael Cutajar, li joqghodd go Block D, Entrance A, flat 3, TalHawli.*

*Dak il-hin missier il-mara wara li ghidtlu l-istorja ried jehodni ghand il-pulizija, pero jiena ghidtlu ahjar ma jsirx hekk u ma immorrux ghand il-pulizija, minhabba l-fatt li dan Debattista li semmejt kellu hafna hbieb fil-pulizija.*

*Fil-fatt niftakar li Debattista kien qalli li jekk jiena immur ghand il-pulizija, xorta wahda hu ikun jaf u anke jekk jghaddu ghaxar snin. L-istess Raymond Debattista kien jghidli li kellu hafna hbieb fis-CID.*

*Darba niftakar li iltqajt mal-istess Debattista fid-discoteka bl-isem ta' Styx. Waqt li kont l-Istyx rajt lil Debattista jiltaqa ma' xi hadd li huwa fis-CID. Semmieli li l-persuna li iltaqa maghha kien Ronnie Cilia. Dan Ronnie Cilia li semmejt huwa bil-mustacci, daqsxejn ohxon u huwa ftit itwal minni. Debattista kien kellem lil Cilia quddiemi. Fil-prezenza tieghi, lil Cilia beda jghidlu fuq dak li kien qalli originarjament dwar l-ittra li semmejt jew dokument mill-Qorti. Dak il-hin fil-fatt rajt lil Cilia jidhaq, u smajtu jghid skond x'inhuwa l-kaz.*

*Wara li Debattista, fil-fatt smajtu jispjega il-kaz lil dan Cilia li semmejt, Cilia smajtu jghid 'dan ghandu jehel'. Dakinhar, wara li smajt dan id-diskors, niftakar li tlaqt 'l hemm.*

*Roy Debattista li semmejt kompla jippressani. Eventwalment, ma nafx il-ghala, jiena bdejt naghti l-flus lil Debattista. Meta qed insemmi flus, qed insemmi dawk il-flus li jiena kont*

*nigbor minghand il-klijenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jiena kont nghaddielu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn Lira.*

*Minghalija b'kollox ghaddejt il dan Debattista is-soomma ta' LM22,000.*

*Debattista kien jghidli li kien jiehu hsiebi sabiex jiena inkun nista insiefer, pero jiena ma ridtx nitlaq minn Malta. Fil-fatt jiena kont nghidlu li dak li gara, gara u niehu dak li haqqni.*

*In rigward dak li ghidt dwar manslaugher, nixtieq nghid li jiena kont erfajt idejja fuq il-mara. Fil-fatt ghalija manslaughter, ghalija tfisser li tipprova toqtol lil xi hadd. Pero in rigward il-mara jiena kont erfajt idejja biss fuqha pero ma ippruvajtx noqtolha.*

*Meta kont naghti l-flus li semmejt lil Debattista kien ikun hemm dejjem prezenti Giovanni Azzopardi. Fil-fatt, it-tnejn min nies kienu dejjem jistennewni wara li jiena inkun spiccajt mix-xoghol. Hawnhekk nixtieq nispjega li x-xoghol dejjem niehduh fuq isimna proprju. Kien hemm zmien meta Giovanni Azzopardi ried xi xoghol ghalih, u ghalhekk kelli bilfors naghmel ordnijiet sabiex jigu ikkonsenjati lill-istess Azzopardi pero fuq isem hwienet ohra sabiex, u l-iskop kien sabiex l-istess Azzopardi ma jidhirx.'*

Fis-seduta tal- 20 ta' Marzu, 1995 xehed '*illi oltre it-theddid li semmejt, fix-xhieda tieghi precedenti, kien hemm ukoll theddid ta' natura personali. In rigward dan niftakar li f'okkazjoni wahda, jiena kont barra mid-dar tieghi, isfel u l-istess Debattista li semmejt fix-xhieda tieghi precedenti kien hareg mill-karozza tieghu, revolver.*

*Dan ir-revolver kien zghir u kien kulur il-fidda.*

*Meta hareg dan ir-revolver, l-istess Debattista qalli li jekk jiena nikxef li jiena kont qed naghtih flus u merkanzija, kien ser juza dak, b'referenza ghall-istess revolver.*

*Niftakar li f'okkazjoni wahda l-istess Raymond Debattista kien gab mieghu nutar. Dan in-nutar ghadu zghir, irqiq u naf li ipoggi xi mkien hal Qormi. Dan in-nutar, pero ma nafx x'jismu u kunjomu.*

*hawnekk nixtieq nispjega li minhabba din il-bicca xoghol, l-istess Roy Debattista ma riedx li jiena nibqa Malta. Ghalhekk kelli insiefer. Meta ingib in-nutar kien ftit qabel ma sifirt. Hawnhekk nixtieq nispjega li d-dar fejn kont noqghod jiena kont xtrajtha pero jiena kont ghadni qed naghmel il-pagamenti lil sid id-dar.*

*Meta gab lil dan in-nutar, Roy Debattista ried li jiena naqleb id-dar li kont xtrajt fuq isem l-istess Debattista, kif fil-fatt, gara. Fil-presenza tieghi Debattista ta il-flus lin-nutar sabiex dan ikompli ihallas l-istalments dovuti minni. Presenti ukoll kien hemm minn ghand min kont xtrajt id-dar, li hi wahda mara.*

*Hemmhekk l-istess proprjetarja, cioe ex proprjetarja, iffirmat li jiena kont hallastilha kollox. Jiena pero ma iffirmajt xejn. Wara konna morna fil-garage ta' Roy Debattista u hemmhekk Roy Debattista qalli biex jiena niffirma li ittrasferejt id-dar tieghi fuqu. Dak il-hin kien hemm ukoll in-nutar. In-nutar niftakar li qalli sabiex ma nghidx li jiena iffirmajt f'dak il-garage peress li kollox kellu isir f'ufficju.*' Xehed li '*Ftit taz-zmien wara, l-istess Roy Debattista qalli sabiex immur nigbor kollox mid-dar tieghi, gabli il-biljetti u qalli li l-ghada konna ser imorru l-Ingilterra.*

*Niftakar li id-dar kont bieghhejtha lil Roy Debattista bil-prezz ta' LM3,500. Minn dan il-prezz, Debattista ma tani xejn. Lis-sid, dik il-mara li accennajt ghaliha, kelli jidhirli naghtiha mal-LM1,500 in rigward il-prezz. In rigward il-karozza, niftakar li l-istess Roy Debattista kien hadli ic-cwievet u ma nafx x'sar minnha. Il-arozza in kwistjoni kienet Datsun 140Y.*' Huwa ma ftakarx in-numru tal-karozza ghalkemm jidhirlu l kien jibda bl-ittra H. Il-karozza kienet ghada registrata fuq Paul Gafa.

Spjega li '*Sabiex immur l-Ingilterra, ma xtrajt l-ebda biljett. Fuq l-ajruplan tlajt mal-istess Roy Debttista u morna l-Ingilterra. Il-mara tieghi ma gietx mieghi. Fl-Ingilterra domt madwar hdax il-xahar. Il-passaport tieghi jekk niftakar sew jinsab fil-pussess tal-ispettur Kevin Ellul Bonnici.*

*Jikkumpanjani lejn Londra, kien hemm biss Raymond Debattista. Meta wasalt l-airport ta' Londra, l-istess Debattista ried izommni ghand hbieb tieghu. Jiena ma riedtx. Cempilt liz-zija tieghi li toqghod hemmhekk u jiena qaghadt ghandha. Kien l-istess Debattista li wassalni ghand iz-zija. Liz-zija qalilha li hu kien qed jiehu hsiebi.*

*Meta kont l-Ingilterra, Debattista ma tani xejn, flus. Fuq domanda tal-Qorti stess nghid li Roy Debattista riedni immur l-Ingilterra sabiex jiena ma nikxifx dak li kien gara.*' Xehed li kien dam tlett ijiem biex isib fejn toqghod iz-zija u li '*Matul dan it-tlett'ijiem konna qaghadna flimkien, jiena u Roy Debattista. Kien hemm zmien meta tellajt il-mara ukoll l-Ingilterra u hemmhekk f'dak il-perjodu li semmejt, il-mara ikkonvincitni sabiex nigi lura Malta.*' Jghid li meta gie mehud id-depot '*kif rani Roy Debattista, beda jghid fejnu dak li*

*ghandu jaghtini.'* Xehed li '*Issa qed niftakar li quddiem l-istess nutar kienet saret skrittura fejn iddikjarajt li kelli naghti is-somma ta' lM8,000 lill-istess Roy Debattista. Fuq din l-iskrittura ma ghaddewx flus.'*

L-imputat rega xehed fis- 17 ta' April, 1998 spjega li Giovanni Azzopardi kien wholesaler ukoll u kien ibiegh fuq l-istess distretti tieghu u kien ibiegh ma' Malta kollha. Giovanni Azzopardi kien jarah jbiegh hafna '*huwa dejjem jitfaghli l-botti sabiex inbieghlu x-xoghol. Dan kien qabel, fi kliemi stess, ma bdew l-affarijiet kollha in ezami.*' Xehed li '*Jien nghid illi Raymond Debatista ossija Roy, kif ukoll Giovanni Azzopardi kellhom f'mohhom li jtellquni minn Malta. L-ewwel kienu bdew bil-botti, ghaliex ma titlaqx minn Malta ghax jigu jfittxuk, u dan minhabba l-manslaughter li semmejt.*

*Fil-fatt, Raymond Debattista kien urieni karta li jien kont ser nigi mixli bi qtil, cioe attentat ta' qtil, din kienet miktuba b'type writer. Fuq din il-karta, rajt timbru tal-Qorti. Rajtha wkoll kont fotokopja.*

*Fuq domanda tal-Qorti stess nghid illi ma nafx ezattament fejn hi din il-karta. Niftakar li meta kont rajt din il-karta, jista' jkun li tlabt kopja taghha sabiex nurieha lill-kugin tieghi Giovanni Grixti.*

*Meta mort inkellem fil-fatt lil Giovanni Grixti, dan qalli li ma jistax ikun li jakkuzawni ta' attentat ta' qtil billi biss erfajt idejja fuq marti.*

*Ghalhekk jien meta bdejt nara kemm lir-Roy u kemm lil Giovanni Azzopardi, jiena kont nipprova nevitahom. Hawnhekk pero beda t-theddid. Ray Debattista kellu revolver zghir kulur il-fidda. Huwa wrieni wkoll ritratt tal-mara tieghi b'puschair.*

*Huwa qalli wkoll illi jekk ma riedx nara lil dawk imutu, jien kelli naghtieh il-flus kollha li kont nigbor. Jien ghall-ewwel ma tajtux flus. Pero wara xi gimgha kien gie ghandi certu wiehed imlaqqam Wangi.*

*Dan Wangi qalli li kien baghtu l-istess Roy Debattista u kif qalli dan il-kliem, hareg ukoll machine gun zghir. Niftakar li l-Wangi kien gie b'vann isfar Marina.*

*Minhabba hekk jien kont imbezza' hafna. Ghalhekk jien bdejt naghti l-flus lil Roy Debattista. Prezenti kien ikun hemm Giovanni Azzopardi.*

*Jien u l-mara dak iz-zmien konna diga' mifrudin. Jien mort inkellem lil missierha. Meta*

*tkellimt ma' dan, dan qalli sabiex immorru d-depot u ninfurmaw lill-pulizija b'dak illi kien ghaddej. Biex ikellimni missier il-mara kien gie vicin l-ufficini ta' Alf Mizzi and Sons Limited.*

*Dan niftakar li beda jirrabja u qalli l-kliem, "jekk jigrilhom xi haga t-tfal". nixtieq nghid li dak iz-zmien, il-mara tieghi kienet toqghod mieghu. Jien bdejt nitolbu sabiex ma jmurx id-depot. Missier il-mara jismu Michael Cutajar.*

*Fi zmien qasir jien tajtu flus lir-Roy Debattista pero ma nafx ezattament kemm tajtu. Meta kont naghtieh il-flus, huwa kien inizzel fuq ktieb ahdar zghir. Dan kien notebook bil-linji.*

*Nixtieq nghid illi Victor Brogdorf li jahdem mas-socjeta' Alf Mizzi and Sons Limited, kien qed jaghmel cross checking tal-accounts. Minhabba hekk, ghidtilhom lil Giovanni Azzopardi u lill-iehor, li ma stajtx naghtiehom aktar flus.*

*Issa hawnhekk qed niftakar li lilhom kont tajthom madwar LM20,000. Hawnhekk Roy Azzopardi issuggerili li jien nohrog invoices fuq klijenti ohra sabiex lilu u lill-ohrajn naghtiehom ix-xoghol. Xhieda ta' dan hemm delivery man, impjegat ma' l-istess ditta' bl-isem ta' Jesmond. Dan kien jikkonsenja x-xoghol tieghi.*

*Fil-fatt jien kont ghidt lil dan Jesmond sabiex jiehu l-invoices u x-xoghol f'post wiehed dejjem, cioe fil-garaxx ta' Giovanni Azzopardi.'*

Xehed dwar certu wiehed Michael tal-Monti minn Naxxar li kellu jaghtih globalment madwar LM9,000. Dan kien Michael Cachia. Nofs dan l-ammont kienu gew irkuprati pero n-nofs l-iehor kien hadu Roy Debattista. Kienu marru hu u Roy Debattista quddiem Nutar jidhirlu f'Hal Qormi u iffirmaw skrittura li kellu jaghti lil Roy Debattista s-somma ta' LM10,000.

Xehed li '*Jien kelli niffirma dik l-iskrittura quddiem in-Nutar peress illi kont mhedded li kienu ser joqtluli lill-mara u lit-tifla jew lit-tifel. Dak iz-zmien fil-fatt kelli t-tifel biss.*' Abbazi ta' din l-iskrittura, Roy Debattista beda jigbor direttament il-flus minn ghand Michael Cachia tal-monti. Il-pagamenti kellhom isiru minn Cachia lil Debattista a bazi ta' LM100 fil-gimgha.

Xehed li '*Eventwalment, Roy Debattista kien hadli l-karozza tieghi, television b'video u apparat relattiv, washing machine, eccetra. Dan gara billi f'okkazzjoni kien baghat tnejn*

*minn nies, wiehed minnhom bi-qargha u maghhom kien hemm l-istess Debattista. Dan qalli li l-ghada ser ikolli nsiefer u qalli wkoll li kienu ser johduli l-affarijiet.*

*Dawn kienu gew b'vann abjad u meta staqsejtu ghaliex, Roy Debattista qalli "mhux affarik". M'inhix cert jekk xi gurnata qabel jew wara ta' dan li gara, kien gab l-istess nutar id-dar tieghi.*

*Hawnhekk nixtieq nispjega li jien kont qed inhallas id-dar fejn noqghod bin-nifs minn ghand is-sid. Ma kontx hadt loan. Fuq id-dar kien ghad fadal biss LM1,000 sabiex inhallas. Lil sid id-dar Roy Debattista tah LM1,000. Hawnhekk nixtieq nikkoregi ruhi. Huwa ta LM1,000 lin-nutar.*

*Roy Debattista wara li ta dawn il-flus lin-nutar, qalli li jiena u n-nutar kellna mmorru ghand sid il-post sabiex jsir dokument li bih jigi dikjarat li jien m'ghandi naghti xejn lil-sid il-post.*

*L-istess nutar kien hadni taht id-dar ta' Roy Debattista, faccata tal-garaxx ta' Giovanni Azzopardi. Hemmhekk jiena iffirmajt li d-dar tieghi kienet saret ta' Roy Debattsta. Dan in-nutar kien jahdem hafna ma' Herrera.'*

Xehed li '*Jidhirli li l-ghada, Roy Debattista wassal lili u lil Giovanni Azzopardi l-airport. Niftakar li qabel ma tlaqna, kien gie l-Wangi li semmejt sabiex jara ma' Roy jekk kienx kollox sew.*

*Nerga' nghid illi x'jismu l-Wangi nsejt. Jekk niftakar sew, dak iz-zmien, dan kien jahdem bouncer l-Istyx. Jekk niftakar sew, meta konna fl-airport, jien smajt lil Giovanni Azzopardi u lil Roy Debattista jitkellmu bejniethom. Jien kont tiela' Londra ma' Debattista u Azzopardi qal lil dan sabiex jigbor xi biljetti lejn l-Awstralja minn tali lukanda.*

*Fil-fatt dawn kienu qaluli sabiex jien ninforma lil hija li kien jahdem ma' l-istess ditta' Alf Mizzi and Sons Limited li jien kont mort l-Awstralja.*

*Meta wasalt l-Ingilterra ma' Roy, jien staqsejtu fejn ser noqghod. Dan qalli "nikri x'imkien u noqoghodu hemm" u qalli sabiex insib xoghol. L-Ingilterra jien domt sena. Hemmhekk ghandi zewg zijiet u bqajt l-Ingilterra bl-ghajnuna ta' wahda miz-zijiet.'* Cempel liz-zija u ftiehem li jmur joqghod ghandha. Xehed li '*Eventwalment, kont infurmajt lir-Roy li jien ma stajtx nibqa' nghix fuq il-karita' taz-zija tieghi. Pero Roy Debattista qalli li kien ser jibghatli xi haga sabiex inkun nista' nghix. In rigward ic-cheques li kien jibaghtli Roy Debattista,*

*dawn dejjem ibbawnsjaw pero.*' L-imputat jixhed li ghalkemm kien separat minn mal-mara, qabel ma telaq minn Malta kellu x'jaqsam maghha, harget tqila u eventwalment wasal biex jitwieled il-baby u ghalhekk iddecieda li jigi lura Malta u gie arrestat kif gie lura. Gie mhedded minn Roy Debattista, kien bghatlu n-nies ukoll sabiex hu ma jkelmux aktar.

L-imputat rega xehed fit- 18 ta' Mejju, 2002 fejn qal li '*wiehed mill-allegati komplici f'dan il-kaz cioe Giovanni Azzopardi, b'xi mod dawwar din id-dar fuqu. Sussegwentement partatha ma' wahda xiha, in konnessjoni ma' flat iehor li jigi fuq garage tal-istess Azzopardi, b'tali mod, ghalhekk li dan il-flat u l-garage, appartenenti lilu, niffidhom u ghalhekk sar fond wiehed.*' Xehed li '*Jien dak li ghamilt kien minhabba Roy Debattista u Giovanni Azzopardi u nixtieq nghid li n-negozju taghhom kiber u jiena ghalhekk ma ghamiltux b'kapricc.*' Xehed ukoll li '*Issirli referenza ghax-xhieda ta' Giovanni Azzopardi fejn irrefera ghas-safra tieghi barra minn Malta ma' Roy Debattista minhabba li jiena allegatament kont nibza mill-habs.*

*Jiena l-ewwel nett ma kontx naf li kont ser insiefer. Kien l-istess Roy Debattista li qata l-biljetti. Xi ftit granet qabel qalli sabiex nitla mieghu. Jien nghid li Roy Debattista riedni nitla bil-fors mieghu. Fill-fatt jiena ridt immur nitkellem dwar il-kaz mal-pulizija. Fil-fatt kont diga tkellimt ma' missier l-ex mara tieghi fuq dan, certu Michael Cutajar, li kien jahdem id-Dwana. Fil-fatt hu issugerieli li mmorru ghand l-*istess ditta *Alf. Mizzi & Sons Ltd, u nitkellmu dwar il-kaz tieghi. Jiena kont pero imbezza minn Roy Debattista u ghalhekk ma hallejtx lil Michael Cutajar ikellem lid-ditta Alf. Mizzi & Sons.*' Huwa kkonferma li ghaddew flus bejnu u Roy Debattista. Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) l-imputat pezenta ricerki dwar Raymond Debattista u kuntratt ippublikat minn Dr Michelle Dingli. Prezenta ukoll dokumenti b'refereza ghax-xhud John Azzopardi. a fol 265 jirrizulta li kien hemm trasferiment ta' proprjeta minn Christopher Cassar versu Raymond Debattista fis-6 ta' Dicembru 1989. Kopja ta' dan il-kuntratt jinsab a fol 267 et sequitur Skont fol 266 fit-22 ta' Jannar, 1990, Raymond Debattista ittrasferixxa din il-proprjeta lil Johnny J. Company Limited.

L-imputat Christoper Cassar rega xehed fit- 12 ta' Novembru 2002 fejn qal li d-dokument tal-Qorti Raymond Debattista ma tahulux, jekk jiftakar sew kien hemm imnizzel xi haga li '*jiena ser nigi akkuzat ta' omicidju involontarju.*' Dak iz-zmien jghid

li kellu eta zghira, madwar 20 u kien ghaddej minn zmien hazin. Xehed li '*L-istess Ray ossija Roy Debattista, kien qalli li kien hemm impediment ta' partenza kontra tieghi. Dak iz-zmien kont zghir wisq u ma dahalx f'mohhi li kelli naghmel xi verifiki dwar dan. Veru li sifirt ftit wara pero kollox kien irrangali Roy Debattista, anke il-biljetti.*' Xehed li '*Meta saritli dik it-theddida minn Roy Debattista vis-a-vis jiena, marti u t-tifel, jien kont diga sseparat 'de facto' minn mal-mara. Pero konna qed naghmlu xi tip ta' rikonciljazzjoni.*

*B'dan it-theddid ma informajtx la lil marti u lanqas lil pulizija u lanqas lil tax-xoghol u lanqas lil xi hbieb jew lil Giovanni Azzopardi. Fil-fatt dan Giovanni Azzopardi, nghid jien, kien parti mill-konfoffa flimkien ma' Roy Debattista. Kont informajt, pero b'dan lil missier ex il-mara tieghi.*' Xehed li '*In rigward Ronnie Cilia, dan kien imlahhaq hafna fil-pulizija. Tali inkontru naf zgur li sar fil-ghaxija. In rigward dan l-inkontru, jiena kont informajt lil pulizija meta rrilxxajt l-istatement. Ma ghandiex id-data meta sar dan l-inkontru presenti Ronnie Cilia.*' Spjega li '*Lil Debattista u lil siehbu jiena ghaddejtilhom kemm flus, kemm merkanzija u anke propjeta immobbli tieghi. In rigward id-delivery man li kien jaghmel il-konsenji lil Debattista u lil siehbu, dan kien dejjem ikun l-istess persuna. Niftakar li dan kien jismu Jesmond, kunjomu ma niftakarux.*' Xehed li '*Mhux veru li jiena ma bzajt minn Debattista meta mort ukoll l-Ingilterra mieghu. Kont nibza minn dan. Jiena xtaqt li mmur noqghod ghand iz-zija tieghi. Fil-fatt naf li Debattista ivverifika fejn toqghod ziti fl-Ingilterra. L-ingilterra fil-fatt mort fejn ridt jiena u mhux fejn qalli Debattista, li kien qalli immur noqghod ghand hbiebu.*'

Xehed li '*Jiena lil Wangi mhux darba wahda biss semmejtu fix-xhieda tieghi. Dan il-Wangi ma nafx x'jismu. Fil-fatt semmejt lil dan wangi fl-istatement tieghi. Fix-xhieda tieghi qabel in-1998, ma kontx semmejtu. In rigward il-Wangi, dan kien bouncer fl-Isticks.*

*Qed nispjega issa ghaliex jiena ghidt li bzajt immur id-Depot. Nghid li bzajt peress illi n-nies li semmejt, fosthom Debattista, kienu 'well connected' mad-Depot. Dejjem kienu jghiduli li jekk jiena nirfes l-ghatba tad-Depot, ikunu jafu. Nerga nghid li dak iz-zmien jiena kont ghadni zghir wisq.*

*In rigward ic-cekks mibghuta lili minn Debattista, li fi kliemi stess, dejjem ibbawnsjaw, dawn kont tajthom lil pulizija.*' Xehed li '*Kien missier il-mara Michael Cutajar li xtaqni li mmur ghand il-pulizija. Jien kont imgerfex u ghalhekk qed nigi mitlub nghid min kienu l-klijenti li f'isimhom kont nordna l-merkanzija, liema merkanzija kienet tmur, pero, ghand Roy*

*Debattiista. Il-pulizija ghandhom lista shiha ta' dan.*

*Jien mill-flus in kwistjoni ma hadt xejn. Ghadni inbati in rigward dan, sallum.'*

L-imputat **Christopher Cassar** rega xehed fit- 22 ta' Lulju, 2016 fejn gie moqri x-xhieda moghtija minnu precedentement u zied li '*jien kont noqghod l-Imsida kien vera jkolli trouble mal-mara imma wara skoprejt mill- ex mara li kien Giovanni Azzopardi li kien heggigha biex titlaq mid-dar. Ghaliex qed nghid hekk? Ghax l- iskop ta' Giovanni Azzopardi kien li jien nispicca wahdi biex hu jahtaf id-dar. Barra minn hekk skoprejt ukoll lil Giovanni Azzopardi kien ha lill-mara d-Dar Bon Pastur u ghamluha difficli biex jien nara lit-tifel tieghi*'. Dan skoprieh snin wara. Jghid li '*Tkun tfajt lil kulhadd fil- problemi biex inti tiggwadanja. U Giovanni Azzopardi ggwadanja, kabbar il- facilita tieghu ukoll.*' Xehed li '*Ghal wahda mill- mistoqsijiet li kien ghamilli Roy Debattista meta tlqajna, kien qalli inti tixtieq issir sinjur malajr Qalli taghmel bejn 5 u 10 elef ta' malajr? Ghidtlu jekk ikunu legali ghaliex le. Imbghad kien ghamel xi gimghatejn ma jersaq lejn fejn kont noqghod jien ghax jien kont noqghod fuq il-warehouse ta' Giovanni Azzopardi. issa haga ohra li hemm nieqes huwa li Giovanni Azzopardi kien joqghod fi Triq Schranz Msida u quddiemu ezatt kien joqghod Roy Debattista. Imma l-konsenja bejniethom hija ovvja hafna. Issa meta jien kont tlaqt minn Malta, kont qabbadt lil hija u tajtu envelope biex jinpustah u kelli debt book, kelli zewg mazzi, kelli mazz lil kien bil- black book u kelli mazz iehor li kont nuri lil Brockdorff biex jammonta l-ammonti ezatti. Li kien hemm mad- debitu. Kont bghatt il-mazz li kien reali, ezampju l-bilanc reali ta' Michael Cachia u ta' hafna insomma u kont bghattu lil Brockdorff biex jipprova jirkupra imma ma kontx ghiditlhom lil Azzopardi.*'

Xehed li '*Dawn ma kienux kuntenti li hadu 20,000 jew 21,000. Infatti bdew jaghmlu pressure kbira u bdew jheddu iktar biex nghaddi x- xoghol, trakkijiet shah infatti ghal ghandhom imma ma jkunx fuq isimhom. U u beda jghid li hallas cash. u wrejtek dak ic-cekk ghax hu qal li ma hallasx imma hu ha xi 4 trakkijiet shah minghand Alf Mizzi li jammontaw flus kbar u qalli li hallas cash. Ghidtlu hallast cash meta inti stajt taghmel cekkijiet lil Alf Mizzi? u ghalhekk wrejtek dak.*' Dan b'referenza ghal fol 269 dwar Giovanni Azzopardi. Xehed li '*darba minnhom kien dahal jahdem mas- socjeta Alf Mizzi, certu David Tortell u dan ghazel li jqatta gimgha fil- bidu tal- job tieghu, gimgha mieghi idur il-hwienet u hekk u ovjament ma stajtx nghaddi flus lil Roy Debattista ghax il- flus li kont qed nigbor kont qed nghaddiehom direttament lis- socjeta Alf Mizzi. Ghax dan David Tortell kien jaf x'ammonti qed nigbor u hekk. Meta dan m'ghaddejtlux il- flus gie mal- Wangi wkoll halli jara ghaliex m'*

*ghaddejtlux il-flus. F'invoice minnhom li harget fuq Mensija Bar San Gwann u l-propjetarju tal- bar kien cert li x xoghol li kont tajtu kien whisky u xi cikkulata imma margabru Roy Debattista bil- Volkswagen Golf tieghu. Hawn hekk irrid nuri li dan ix-xoghol li kien qed johrog fuq klienti beda mur ghand Giovanni Azzopardi u ghand Roy Debattista jigifieri hemm hekk kien qed jinkrimina ruhu wkoll'*. Xehed li '*niftakar ukoll li dawk it-truck loads li kien qed jiehu Giovanni Azzopardi, riedni naghmel cash sale fuqhom. Ma niftakarx jekk ghamilthomx cash jew le fuqhom'*

Xehed li '*Niftakar ukoll li wara li tlaqt Giovanni Azzopardi mar ghand l-ex mara tieghi u ried jehodha ghand il-pulizija ghax hadet saqqu mid- dar ghat- tifel ghax kien diga hu dawwar il-propjeta' f'ismu. U dwar l-appliances ukoll li hadhom Ray Debattista. Li ma kienx hemm fix- xhieda hija li kien sar meeting bejni u bejn Michael Cachia u Roy Debattista fejn ir- Roy mar bil- karta li kont ffirmajtlu jien li ssellift LM8000 u qallu dan ghandu jaghtini u trid tibda thallasni inti u ma nafx kif dan qabad jaghtih il- flus u qabad jigbor xi lM100 fil-gimgha minghand Cachia. Imma imbghad Cachia waqaf ihallas lil Roy Debattista wara li jien bghatt dawk il-karti lil Alf Mizzi & Sons.*' Dwar Ray Debattista qal li '*Ghazel li ma jwegibx ghax jaf x'gara ezatt. jaf li hu ha l-flus kollha li jien kont qed nigbor ta' Alf Mizzi & Sons taht theddid u b'armi tan-nar. Barra minn hekk jaf li hu ried jehles minni ghax jaf li jekk kont ser nitkellem kien ser jidhol fit-trouble.*' Dwar iz-zjara l-Ingilterra qal li tela mieghu u waslu Giovanni Azzopardi l-airport. Qatt ma hargu flimkien izda darba iltaqghu mieghu go diskoteka Styx dak iz-zmien u laqqghu mal-Ispettur Cilia. Ikkonferma li gie mhedded b'revolver jigifieri minn Roy Debattista u sussegwentement mill-Wangi. Kellu 21 meta gie mhedded, qatt ma kien ra revolver f'ghomru. Gej minn familja sew hafna. Xehed li '*Dan meta jien ghidtlu biex lili jhallini bi kwieti, hallini naghmel ix-xoghol tieghi u nimxi b'hajti, hareg revolver imma nahseb kien blank ghax faqqa u ghamel wahda hekk u hadt xokk kbir*'. Kienu hdejn il-garaxx ta' Roy Debattista. Hadt ma kien hemm hlief huma t-tnejn. Kienu l-Imsida mhux boghod mid-dar tal-imputat. Ghadu jbati minn din is-sitwazzjoni sal-lum. It-thedida tar-revolver kellu effett ta' biza kbira u tensjoni kbira. Wangi kellu machine gun zghir. Qal li '*Igibuk skjav tgahhom dawn. Qisek kelb*'. Kien cert li setghu jaghmlu hsara lilu u lil familja tieghu, jghid li tletin sena ilu l-affarijiet ma kienux bhal-lum. Twerwer, dak iz-zmien hajtu kienet diga spiccat kien ghad kellu 21, hekk hass. Kien qieghed f'paniku kbir. Ghamlu mhux biex jiggwadanja izda b'biza kbir u taht theddid.

In kontro-ezami qal li kellu argument mal-mara u kienet girfitlu wiccu u tilifha u rritalja. Marret taghmel rapport l-ghassa, zammewh arrestat ghax kellha tbengila zghira fuq spallitha. Jghid li '*ra kif ghamel biex assigura li jien u l- mara ma nergghux inkunu flimkien ghax it- target tieghu kienet li jiehu l- post*'

Ghadditelu minn mohhu li jirraporta lil Pulizija, xehed li missier il-mara kien il-kbir tad-Dwana u ghalkemm qallu biex imorru jghidu lil pulizija u qallu li ma riedx ghax Roy Debattista kellu kbir fil-pulizija. Xehed '*Ghax kien joqghod jibblaffja quddiemi. Meta tkun zghir l-mohh jigi mmanipula.*' Tellghu l-Ingilterra biex jehles minnu u kien jaf fejn qed joqghod ghax ried ikun jaf fejn toqghod iz-zija, kellu l-indirizz u kollox. Kien jibza li jekk jaghmel xi haga ser jigi ghax jigi u jaghmel xi haga hemm ukoll. Dam mieghu l-Ingilterra xi tlett ijiem u telqu hemm. Il-biljetti xtrahom Debattista u sar jaf xi siegha qabel ma telaq. Qal lil missieru u lil-ex-mara li sejjer. Kieku ghamel rapport kien ikun hemm konsegwenzi. Mhijiex hajja pjacevoli li tghix mahrub mill-pajjiz. Kien qed jiprova jsib xoghol u jiprova hajja gdida, kien minghajr flus. Cahad li telaq minn Malta ghax kellu il-problemi u li kellu jaghti l-flus lil nies u li biex jahrab mill-problemi li kellu hawn Malta. Mistoqsi kif iddecieda li jigi Malta, kif ma bezghax iktar qal li '*Ghax il-hajja ma setghetx tigi ghar milli kif kont qieghed. kont qed nghix f'mizerja. Jien dejjem hdimt.*' Meta gie lura il-pulizija weghduh li ma kien ser jigrilu xejn. Ma marx minn jeddu ghand il-pulizija. Xehed li '*Jien il-kugin tieghi Magistrat, ghidtlu ser nigi Malta, qalli ejja halli tara kif ser tissetilja hajtek ghax ma jistax ikun. Ovja li kont naf x'ser jigri.*'

Fis-seduta tas- 7 ta' Dicembru, 2016 gew prezentati kopja ta' ricekri relatati mal-proprjeta 6, Ivia, Triq G. Navarro, Msida immarkati bhala Dok CCX a fol 540 et sequitur.

Din il-Qorti issa sejra taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Giovanni sive John Azzopardi u Raymond Debattista.

**Giovanni sive John Azzopardi** xehed fl- 14 ta' Marzu, 1991 li jahdem bhala wholesaler u jbiegh lil hwienet. Il-kumpanija tieghu jisimha J&A Trading. Wiehed mill-imhazen tad-ditta qieghed go 15, Giocchinno Navarro street, Msida u l-iehor huwa garage mal-flat fejn joqghod u go fih idahhal il-van tad-ditta tieghu. Jaf lil Christopher Cassar peress li kien gar tieghu, kien darba hajru biex jixtri mid-ditta

raprezentata tieghu bhala sales man u cioe' Alf Mizzi and Sons Marketing Limited. Jekk jiftakar sew matul 1989 l-imputat kellu xi inkwiet mal-mara, li kienet giet mart l-imputat ma gara Gerit fil-garage tieghu u qaltlu li r-ragel taghha kien ser jaghmel ghaliha u kien ser jheddida. Kien cempel lil wiehed Reno jsaqasi jekk is-sorijiet tal-Bon Pastur izommux lil mart l-imputat u qallu li kellha tmur il-polyclinic u l-ghassa sabiex taghmel rapport. Sussegwentement gie certu Guzeppi Sghendo li huwa r-ragel ta' Gerit li semma aktar kmieni. Ghalhekk hu u Sghendo kif ukoll it-tifel tieghu u tal-imputat hadu lil mart l-imputat l-ewwel l-Ghassa imbaghad il-polyclinic. Umbghad waslu lil mart l-imputat il-Bon Pastur Hal-Balzan. Jghid li kemm qabel u wara dan l-incident kien kellem lill-imputat u qallu sabiex joqghod bi kwietu. Ma jidhirlux li f'xi okkazjoni tkelmu hu, l-imputat u persuna ohra fuq dak li kien qed jigri bejn l-imputat u martu. Jghid li kienu baghtu ghalih il-Pulizija u arrestawh u jghid li l-istqarrija irrilaxxaha minhabba biza fic-cella. Meta kien arrestat kien hebb ghalih l-imputat. Jghid li l-Ispettur kien qieghed izomm ma' Christopher Cassar u li qallu li jekk ma jghinx lill-imputat jigi inkriminat mieghu. Christopher Cassar kien '*qalli li sraqtu*'. L-Ispettur qaralu l-istqarrija u jghid li ma jiftakarx li gie imwissi mill-ispettur. Huwa kkonferma l-ewwel faccata tal-istqarrija rilaxxata minnu. Xehed li '*Christopher Cassar l-imputat kien jigi ghandi sabiex jiena naghtieh l-ordni. Sussegwentement kien jgibli ix-xoghol id-delivery man tal-istess imputat. Dak id-delivery man kien jgibli karti differenti minn dawk li kien jaghtini Christopher Cassar.*' Kien jghaddi l-karti li kien jaghtih id-delivery man lil Cassar. Sussegwentement Cassar kien jaghmillu karti ohra u kien ihalsu. Huwa esebixxa ircevti bhala dokument DOK GA. Kien jixtieq li jhallas lil Christopher Cassar permezz ta' cekk pero peress li ma kienx fid-distrett tieghu allokat mad-ditta Cassar kien jghidlu li ahjar li jhallas fi flus kontanti sabiex ismu ma jidhirx.

Xehed li '*Jiena ghedt fl-istqarrija li jiena irrilaxxajt lill-Pulizija li qed jaqrali l-ispettur li l-ammont dovut kien ta' tmint elef u mitejn liri maltin (LM8200), dan Chris ghal habta ta' Dicembru Novembru 1989 kien jigi u jiffirmahom ftit ftit, nghid li dan ma hux veru.*' Jghid li qal hekk ghax kien qed jibza. Huwa esebixxa 18-il ricevuta in rigward transactions li saru bejnu u bejn l-imputat. Dawn l-ircevuti qed jigu mmarkati mill-Qorti bhala dokument wiehed Dok GA. Jghid li llum ma ghandu jaghti xejn lil Chrisopher Cassar. Jghid li hallas l-ammonti in cash, ma hemmx raguni ghala l-maggor parti tal-

konsenji saru f'Novembru 1989, pero jghid li f'dak ix-xahar saru diversi offerti fis-sens li jekk jiehu ghaxra mit-tali prodott, jiehu wiehed mill-istess prodott b'xejn. Dwar li fl-istqarrija qal li '*hu kien jghidli li ahna kellna nirrangaw bejnietna*' qal li mhux veru. Hu jhallas lilu u hu jhallas lid-ditta.

Jghid li lil Roy qatt ma tah xejn bhala flus. Jghid li jista jkun li '*waqt l-istqarrija jiena ghedt li tajt erbat elef lira lir-Roy pero dana ghedtu taht depression. Nerga nghid li ma tajt l-ebda erbat elef lira lir-Roy.*' Ikkonferma li f'okkazzjoni wahda hallas permezz ta' cekk 862/361 u l-bank hu Mid Med. Jghid li ma jiftakarx li qal il-kliem '*ikolli naqbel imma jiena tajt erbat elef lir-Roy, ghad li ma ghandix x'nuri, issa jintlahaq ftehim bejni u bejn Cassar*'. Lil Roy jafu ghax joqghod faccata tieghu, jismu Raymond Debattista. Joqghod go Schranz street, l-Imsida. Xehed li '*Nikkonferma kif ghedt fl-istqarrija li jiena rajt xi kultant lil Chris jaghti xi flus lir-Roy. Dan kien jigri fil-garage ta' Debattista. Filfatt niftakar li f okazzjoni jiena kont fil-garage tieghi, gie Christopher ghandi u jiena mort mieghu fil-garage ta' Debattista u quddiem Christopher Cassar tagh flus lil dan Debattista, meta staqsejt ir-raguni ghal dan Christopher qalli li kellu jaghti lil Debattista. Ghahekk nikkonferma dak li ghedt flis-stqarrija meta ghedt li r-Roy kien jghid li kellu jiehu minn ghand Chris.*'

**Raymond Debattista** jghid li huwa jaghmel xi negozju fil-karozzi u fil-bini. Chris qatt ma qallu ghaliex kellu jaghti dawn il-flus lil Debattista. Il-ktieb li kien qed jigi mizmum bejn dak li kien qed jigri bejn Roy u Christopher Cassar rah. Ikkonferma li kien wassal lil imputat l-airport u kien hemm Roy ukoll li siefer ma' Cassar. Xehed li '*Nikkonferma wkoll dak li ghedt "dan Chris ried jsiefer ghax kellu l-inkwiet mal-mara, ghax beza mil-habs.*" Jghid li ma ghandu xejn x'jaghti bhala flus lil Chris.

**Raymond Debattista** xehed fis-seduta tal- 21 ta' Gunju, 1991 u spjega li prezentement huwa fil-kummerc, specifikament car dealer. Jafu lil Chrisotpher Cassar, xi hadd laqghu mieghu. Iltaqghu l-ewwel darba go garage l-Imsida jidhirlu bl-isem ta' JR Trading. Dan il-garage jappartjeni lil Giovanni Schembri, kien Giovanni Schembri li laqqghu mal-imputat. Huwa ma riedx iwiegeb ghad-domanda '*fliema cirkostanzi iltqajt mal-imputat Cassar*', jghid li jekk jirrispondi jinkrimina lilu nnifsu. Dak ix-xahar, xahrejn ta' wara hargu flimkien xi darbtejn ma xulxin hu u l-imputat sabiex jiehdu drink. Mistoqsi hargux ghal motiv iehor, ghazel li ma

jirrispondix.

Xehed li l-imputat kien jahdem mad-ditta ta' Mizzi u skond ma sar jaf ma ghadux jahdem mal-istess ditta ghax inqabad fuq frodi. Wara li nqabad ma regax kelmu u lanqas siefer mieghu l-Ingilterra, pero qabel ma nqabad mill-Pulizija hu u l-imputat sifru darba flimkien l-Ingilterra. Hu gie lura izda Cassar baqa l-Ingilterra. Ix-xhud kien l-Ingilterra ghal vaganza. Mar u gie. Sa fejn jaf hu Cassar mar l-Ingilterra holiday. L-imputat mar ghand zitu u qabel kienu joqghodu l-Ingilterra flimkien. Qal li jekk jirrispondi ghad-domanda "*ghaliex l-imputat mar l-Ingilterra*" *jiena nghid li nista ninkrimina lili nnifsi*'. Mistoqsi ghaddewx flus bejnu u l-imputat ghazel li ma jixhidx. Bejnu u Giovanni Azzopardi li semma ma ghaddew l-ebda flus, ma jafx ghaddewx flus bejn Azzopardi u l-imputat.

Bejnu u Azzopardi ma hemm l-ebda claim ta' flus. Ghamel zmien arrestat u sar konfont mal-imputat u ma' Giovanni Azzopardi. Jghid li kien hemm hafna tahwid fil-paroli da parti ta' Giovan Azzopardi. Cassar f'din l-okkazjoni qal fil-konfront ta' Azzopardi li l-istess Azzopardi kellu jaghtih tmint'elef lira. Meta gie rinfaccat minn dan il-kliem minn Cassar, l-ewwel qal li kien vera imbaghad mhux vera. Jghid li f'dan il-konfront kien taht pressure peress li kien ghal xi gurnata arrestat. Xehed li '*Waqt dak il-konfront Giovanni Azzopardi semma li minn dawk it-tmint elef li issemmew aktar il-fuq kien ta erbat elef lili. Dak il-hin stess jiena chadt li Giovanni Azzopardi kien taghni erbat elef lira.*' Kien xtara post minghand l-imputat u hallsu fi flus. Il-prezz kien ta' madwar tlett'elef u hames mitt lira. Kien hallsu cash, ma jafx ghala kien beghlu il-post. Jekk mhux zbaljat kien Giovanni Azzopardi li qallu li l-post ta' Cassar kien ghal bejgh. L-imputat kien hemm zmien li kellu jaghtih somma flus, halsu tmint elef u erba mitt lira. Jghid li min dawn it-tmint elef u erba mitt lira kien hallsu biss parti minnhom. Thallas cirka erbat elef. Kien selliflu din is-somma ta' tmint elef u erba mitt lira lil imputat u sar kuntratt quddiem Nutar. Is-self sar f'Ottubru 1989. L-imputat qatt ma kellmu dwar l-allegata frodi vis-a-vis id-ditta Mizzi. In-nutar li ghamel il-kuntratt ta' self kien Michel Dingli. Kien xtara id-djun ta' Michael Cachia. Michael Cachia kellu jaghti lill-imputat, xtara dan id-dejn bil-prezz ta' sebat'elef u seba mitt lira. Ma huwiex cert kemm l-imputat ghandu jaghtih mis-somma li selfu, ghadu ma hafirlux dawn il-flus izda ma talabhomlux.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal gurisprudenza li kkunsidra l-iskriminant tal-koerzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. ... omissis ... Ersilia sive Alison Gauci'**[18] gie kkunsidrat li:

*'Il-linja difensjonali sollevata mid-difiza hi dik tat-teorija tal- koerzjoni, jigifieri, li wiehed ikun sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta` tieghu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jaghmel. Il-ligi taghna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjah din il-koerzjoni bhala "forza barranija", jigifieri trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.*

*Fil-kaz in ezami m'hemm ebda kontestazzjoni li tassew l- appellanti kkommettiet l-atti materjali ta' traffikar, l-ewwel imputazzjoni li nstabet hatja taghha. Li qed tikkontesta hu li f'dak li ghamlet, u fil-mument li ghamlithom, kien nieqes fiha l-element intenzjonali u allura ma setghetx tinsab hatja. L-appellanti qed tghid li ma kellhiex l-intenzjoni kriminuza ghaliex skond il-ligi, in bazi ta' l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ic-cirkostanza msemmija tal-forza barranija telimina ghal kollox din l-intenzjoni. U b'hekk ma kellha ebda responsabilita` kriminali.*

*Issa, jekk bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid- dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita` li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwelnett japprofitta ruhu minn dik l- opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l- artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax.*

*Din il-kwistjoni ta' koerzjoni mela hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika,*

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Lulju, 2007 (Appell Kriminali Numru: 35/2006)

*imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setax, fic-cirkosanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe` ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Gaetano Walker v EL KAFAS SALAH EL-DIN ABDOU IBRAHIM'**[19] dwar l-artikolu 33(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:

> *'Fil-fatt dan l-artikolu huwa bazat fuq l-artikolu 49(3) tal-***Codice Penale Taljan** *tal-1889 fejn kien hemm imnizzel li*
>
> > *"no punishment shall be inflicted for any act committed by a person who was constrained thereto by the necessity of saving himself or others from a grevious or imminent personal danger to which the agent had not voluntarily given occasion and which could not otherwise be averted".*
>
> *Sabiex tissusisti din id-difiza irid jikkonkorri:*
>
> 1. *perikolu serju u imminenti;*
> 2. *diretta lejn il-persuna aggredita jew persuna ohra;*
> 3. *il-perikolu ma jridtx ikun wiehed kagunat voluntarjament mid-difensur;*
> 4. *il-perikolu irid ikun inevitabbli, u cioe' li ma setghax jigi skartat b'mod iehor salv li jsir dak li sar;*
> 5. *u l-offiza giet kommessa bl-ghan li d-difensur jipprotegi l-persuna tieghu jew ta' haddiehor.*
>
> *Fil-ligi maltija, d-difensur irid ikun infaccjat b'forza esterna li ma setghax jiddesisti. Fil-fatt per ezempju, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs Grazio Spiteri, deciza fis-sebgha ta' Lulju,1997, l-Imhallef Degaetano*** *ma laqghax d-difiza ta' 'coersion' - nuqqas ta' volunta f'dan il-kaz ghaliex hass li kwalsiasi impuls, qawwi kemm kien qawwi, dovut ghall-krizi ta' astinenza biex jiehu d-droga ma jikkwalifikax bhala forza barranija .*

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' April, 1998

*Kif qal* ***l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi fis-sentenza tieghu tad-disgha w ghoxrin ta' April, l992,*** *fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia et*** -

> *"l-artikolu 33 jittratta dwar forza barranija li l-agent ma setghax jirrezisti. Il-Qorti trid tkun konvinta li tali forza barranija kienet tali li xejjret l-volunta ta' rezistenza tal-agent. It-test huwa wiehed soggettiv imma jrid jirrizulta plawsibbli. Mhux ta' kemm wiehed jghid li beza. Irid jirrizulta almenu fuq l-bazi ta' probabbilita tenut kont tal-fatt li huwa element li trid tipprovah d-difiza li verament jezistu elementi li jistghu jinducu tali biza."'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Dr Mark Anthony Sammut'**[20] inghad li:

**'11.** *U anke jekk wiehed jiehu s-silta mill-appunti tal- Professur Sir Anthony Mamo, li rriferiet ghaliha (wiehed ghandu jifhem b'approvazzjoni) l-ewwel qorti, il- konkluzjoni ineluttabbli hi li f'dan il-kaz ma jistax ikun hemm l-iskriminanti tal-koazzjoni. L-insinji professur, jghid hekk:*

*"Thus, Pessina, for instance suggests that moral coercion excludes criminal responsibility whenever these three conditions exist: a) an imminent danger, b) of a harm which the victim of the threat apprehends as more grievous than the harm to be caused by the offence, and c) which he could not avert except by committing the act contrary to law."*

**12.** *Din il-Qorti tistaqsi: fejn kien il-perikolu imminenti f'dan il-kaz? Kien hemm, iva, theddid, anke theddid serju, ta' xi haga fil-futur, izda wiehed ma jistax jitkellem dwar perikolu imminenti.*

**13.** *Thares minn fejn thares, din il-Qorti ma tistax hlief taqbel ma' l-appellant Avukat Generali li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-estremi tal-iskriminanti tal-koazzjoni.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Raymond Flattley u Rose Flattley'**[21] gie kkunsidrat li:

*'Hu appena necessarju jinghad li l-"forza barranija" imsemmija fl-Artikolu 33(b) trid tkun tali l-persuna suggetta ghal dik il-forza "ma setghatx tirrezisti ghaliha", jigifieri trid tkun forza irrezistibbli u mhux semplicement mhux rezistita. Is-semplici fatt li jkun hemm*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Awissu, 2010 (Appell Kriminali numru: 365/2008)
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) Malta fis-7 ta' Novembru, 2002 (Appell 183/2002)

*ordnijiet jew struzzjonijiet moghtija minn persuna lil persuna ohra, anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu nghataw b'insistenza jew determinazzjoni, ma jfissirx li l-persuna li tircevihom tista' tinvoka l-Artikolu 33(b) u tezimi ruhha mir- responsabbilta` penali. Addirittura anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu akkumpanjati b'theddid, ma jfissirx necessarjament li jkun hemm forza barranija <u>irrezistibbli</u> – kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz in-natura tat-theddid u l-persuna ta' l-agent attiv u ta' l-agent passiv.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Melchior Bonnici'</u>**[22] gie meqjus li:

*'Illi din il-forza barranija tista' tkun wahda kemm fizika kif ukoll morali. Il-kompjant Sir anthony Mamo ighid hekk fuq dina l-iskriminanti:*

***Moral coercion operates as a ground of exemption from criminal responsibility when it <u>completely suppresses the possibility of a normal determination on the part of the person doing or omitting the fact</u>. When it does not attain such a degree of intensity, but leaves to that person the possibility of determining himself one way or another, even if with an effort or at some sacrifices, then the old maxim of Roman Law "coactus tamen voluit" applies, and the fact is imputable, saving the discretion of the Court to mitigate the punishment within the latitude permitted by law, having regard to the particular circumstances under which the offence was committed. (*)[23] In other words, in order that there may be <u>total</u> exemption from punishment, the external force which has constrained the accused to do the act contrary to the law, must be truly <u>'irresistible' and not merely 'unresisted'</u>. This is why most writers limit the notion of moral coercion to threats of death or serious personal injury: for it is only such threats that may deprive the victim of his freedom of choice and compel him to commit the offence. Threats of injury to property are not considered sufficient. This view seems best to accord with the above quoted provision of our Code. This was modeled on the identical provision of Art. 64 of the French Code and Art. 62 of the Neapolitan Code. With regard to the former, Chauveau et Helie wrote:***

***"It is certain that the fear of a mere pecuniary loss cannot be considered as a force***

---

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 2019 (Appell numru: 197/2014)

[23] Manzini, op. cit., Vol. II, p.13, S 287 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna immarkata bhala (*) fis-sentenza citata)

*which the actor could not resist: there is nothing but the fear of death, or of grievous bodily harm which may suppress the will and compel the determination. If, on the other hand, the law cannot expect from the accused a heroic firmness of character, it cannot either pardon a blamable weakness".*

*And Roberti commenting on the provision of the Neapolitan Code wrote:*

*"Ci contentiamo di proporre come regola generale che possa esimere da imputabilita' legale, quella necessita' che i moralisti appellano estrema e per la quale intendiamo lo stato di violenza in cui l'uomo e' obbligato a scegliere tra la perdita della vita, la mutilazione del corpo o altre calamita' annesse a dei tormenti che sembrano piu' acerbi della stessa morte, e la trasgressione della legge. Quei mali sono solamente a nostro credere, capaci di scusare, nel foro umano, la scelta di quest'ultima".*

*Other writers, dealing with the question of moral coercion in the abstract that is, not by reference to a specific provision of positive law, pretend to lay down principles of general application. Thus, Pessina, for instance, suggests that moral coercion excludes criminal responsibility whenever these three conditions exist: a) an imminent danger b) of a harm which the victim of the threat apprehends as more grievous than the harm to be caused by the offence, and c) which he could not avert except by committing the act contrary to law.*

*English Law concerning this defence remains – Kenny says (p. 74) – to this day both meager and vague. It is, however, clear that threats of the immediate infliction of death, or even of grievous bodily harm, will excuse some crimes that have been committed under the influence of such threats. It is impossible to say with precision for what crimes the defence will be allowed to avail. It certainly will not excuse murder. Harris, on the other hand, thinks that moral coercion can afford no defence for the commission of a criminal act "for the apprehension of personal danger does not furnish any excuse for existing in doing any act which is illegal". The only exception to this rule occurs where rebels or rioters by fear of death or instant bodily harm compel others to take a subordinate part in a disturbance. Here there is constructive physical compulsion, provided that physical force is directly threatened and available" (p.23).*

*Illi allura minn dan l-insenjament gurisprudenjzali abbinat mal-qari tad-disposizzjoni tal-ligi li holqot dina l-iskriminati ghandhom johorgu tlett elementi importanti:*

1. *il-forza trid tkun wahda esterna.*

2. *trid tkun gejja mill-agent attiv, u cioe' dik il-persuna li iggieghel lill-agent passiv biex jikkometti r-reat.*

3. *l-forza barranija trid tkun tali li ma thalli l-ebda triq ohra miftuha ghall-agent passiv sabiex jikkommetti ir-reat, ghaliex jekk il-kummissjoni tar-reat seta' jigi rezistit umanament b'xi mod iehor allura tonqos l-applikabbilita' ta' dina d-difiza.*

*Fil-kawza deciza mill-Qorti ta'l-Appell gewwa l-Ingilterra fil-kawza fl-ismijiet R vs Graham (1982) dina l-iskriminanti giet ezaminata funditus fejn allura gie deciz illi ghandha tapplika biss f'dawk ic-cirkostanzi fejn jigi determinat illi t-theddida kienet tant kbira li tizboq il-poter tar- resistenza umana. It-test Graham ifassal is-segwenti elementi:*

***"1. The defendant must have a** reasonable belief **in the circumstances;***

***2. This belief must have lead the defendant to have a** good cause to fear **death or serious injury would result if he did not comply; and***

***3. A** sober person of reasonable firmness**, sharing the characteristics of the defendant, might have acted as the defendant did."***

***All three elements are objective in nature."***

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'Fil-ligi taghna madanakollu l-legislatur tant ried ihares lil persuna li tikkommetti reat meta tkun hekk imgieghla minn forza esterna illi l-artikolu 47(a) tal-Kodici Kriminali li jaqa' taht it-Titolu IV li jitkellem dwar il-komplicita fil-kummissjoni tar-reat jippenalizza lill-agent attiv bhala l- awtur tar-reat u mhux bhala komplici meta hemm dispost illi:*

***"Kull persuna li iġġiegħel persuna oħra b'forza barranija li dina l-persuna l- oħra ma setgħatx tirreżisti għaliha, biex tagħmel reat, tkun hija stess hatja ta' dak ir-reat bhala awtur."'***

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur John Sacco) Vs Richard Gauci'</u>**[24] gie kkunsidrat li:

*'Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza, jigi rilevat mal-ewwel li mhux kull tip jew forma ta'forza barranija hija accettata ghall-fini tad-dispost ta' l-imsemmi Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. Ukoll, sabiex tigi eskluza l-intenzjoni kriminali, iridu necessarjament jikkonkorru r-rekwiziti li ser jigu spjegati issa.*

***L-ewwel nett****, din* ***trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor****, kif gja' intqal, u trid tkun tali li minhabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli ghal dak li jaghmel, trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta' tal-bniedem, li twasslu jew ggieghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita' tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.*

***Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu, izda trid tkun ezistenti fil-waqt li hu qieghed, effettivament, iwettaq dak l-eghmil****. L-Artikolu kwotat qabel fil-fatt isemmi l-kliem "fil-waqt ta' l-att". Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija ezistenti, ma jistghax japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. F'dak il-kaz mhiex eskluza l-intenzjoni kriminuza.*

***Fit-tielet lok****, din il-forza barranija gejja minn haddiehor, trid tkun wahda* ***irrezistibbli****. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' l-rrezistibilita' tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali w ferm importanti. <u>Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti</u>. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza " truly irresistible and not merely unresisted."*

***Fir-raba lok****, din ic-cirkostanza tal-****forza barranija trid necessarjament tkun wahda***

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Settembru 2001 (Appell: 13/2001)

***serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji jew gravi hafna**. Per ezempju, bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, jekk ma jaghmilx dak li qed jigi mgieghel li jaghmel. Tista' tiehu l- forma ta'minaccja jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja, li ssir lill- minaccjat biex jigi mgieghel jaghmel xi haga. Iridu jkunu cirkostanzi serji jew gravi li, imqarr fuq il-grad tal-probabbli, juru din il-forza barranija rrezistibbli, gejja minn haddiehor, forza ta' certa gravita', tant li f'dak il-mument, il-bniedem minaccjat **ma jkollux triq ohra** hlief li jesegwixxi dak li qed jigi mgieghel li jaghmel kontra il-volonta' tieghu. Iridu jkunu cirkostanzi dawn li jekk dak il- bniedem minaccjat ma jaghmilx dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, allura, hemm il-perikolu serju w reali li dak it-theddid jew minaccji jissarrfu f'realta'. Iridu jkun cirkostanzi li juru, imqarr sal-grad tal-probabbli, li dak il-bniedem minaccjat ma kellu ebda triq ohra, ma setghax jirrezistihom jew jikkombattihom, jigifieri, bilfors kellu jaghmel dak li kien qed jigi mgieghel jew sfurzat li jaghmel.*

*Isegwi, allura, illi jekk il-bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il- minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe', jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita' li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwel nett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita'. Jekk ma jaghmilx hekk, u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita' kriminali tieghu ma tkunx eskluza w l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. ma japplikax.'*

**L-artikolu 33 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta' kriminali jew fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas - '*(b) kienet imġiegħla b'forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għaliha.*' Ghalhekk jehtieg li jigi determinat jekk l-approprijazzjoni in debita kommessa mill-appellant gietx kommessa peress li kien imgieghel b'forza barranija li ma setghax jirrezisti ghaliha.

L-appellant fl-appell tieghu qies li l-Ewwel Qorti kienet konvinta fi grad ta' probabilita' li l-appellant kien mhedded minn Debattista u kienet ukoll konvinta fil-grad tal-konvinciment morali li Debattista kien qed jestorci l-flus minghand l-appellant fl-isfond ta' dan it-theddid. Kienet ukoll konvinta li l-estorzjoni tramite t-

theddid sehh fuq medda qasira ta' zmien li kien jestendi ghal xi jiem jew gimghat. L-Ewwel Qorti izda dehrilha li l-appellant kien f'qaghda li jindirizza dan it-theddid billi jirrikorri ghal intervent tal-Pulizija. L-appellant xehed li Debattista kien widbu li kellu hafna hbieb fil-Pulizija fosthom fizzjal u cioe' Ronnie Cilia bl-implikazzjoni li Debattista kien ikun jaf jekk l-appellant irrikorriex ghall-intervent tal-Pulizija u dan appena jirfes l-ghadba tad-Depot.

Jissottometti li Debattista irrikorra ghall-istratagemma propju biex johloq deterrent psikologiku bl-iskop li jbieghed lill-appellant milli ifittex l-ghajnuna tal-Pulizija fl-isfond tat-theddid provenienti minghand Debattista li jelimina lil iben l-appellant. Il-biza u t-twerwir m'huwiex stat psikologiku oggettiv. Huwa stat psikologiku purament soggettiv li necessarjament huwa suxxettibli ghal rejazzjonijiet varji u sahansitra mill-aktar tipici da parti tal-vittma, tenut kont l-eta', l-grad ta' murita', il-livell edukattiv, l-esperjenza, s-suxxettibilita' psikologika tal-vittma ghal biza u ghal manipulazzjoni, kemm il-vittma timpressjona ruhha meta tkun mhedda u kif tirreagixxi ghat-thedid fil-fattispeci tal-kaz oltre elementi ohra li talvolte huma releavnti fl-isfond tal-kaz. Li Debattista kien wasal biex jheddu gravament b'referenza ghall-aktar haga ghaziza ghal kull persuna u cioe' l-ulied u li sahansitra kien urieh arma tan-nar u hedded li jotqol lil ibnu bih. Kien anke urieh ritratt ta' ibnu. Li m'hemmx dubju li theddia ta' din l-entita' twahhax lil min igarrabha.

L-entita' taghha hija tali li evidentement tipperdura fiz-zmien u tibqa' attwali anke mat-trapass ta' xi jiem jew gimghat u anke hafna aktar minn hekk. Il-prospett tal-qtil tal-wild ta' xi persuna izjed ghandha tendenza li ssir ossessjoni li se mai tiggrava mat-trapass taz-zmien milli tizvinta fix-xejn specjalment jekk il-manipulazzjoni psikologika tal-vittma tat-theddid tkun ippjanata tajjeb. Skont ix-xhieda ta' Azzopardi, l-appellant kien bezghan mill-prospett li jispicca l-habs in vista tal-inkwiet li kellu ma' martu Li l-appellant kellu l-percezzjoni li dan il-prospett kien realta' ezistenzjali minkejja li kuginuh kien widdbu li dan ma kienx il-kaz. Li l-appellant siefer l-Ingilterra ma min kien qed jisgozzah daqskemm huwa sinifikanti li Debattista kellu l-ardir li jixhed li kienu siefru ghal btala izda li gie kontradett minn Azzopardi li kien wassalhom l-ajurport li tal-verzjoni vera ghala l-appellant kien siefer l-Ingilterra. Li din il-percezzjoni wasslitu ghal imgieba estrema li jbiegh daru lil Debattista li xi gimghat wara bieghu bi profitt lil Azzopardi.

Jissottometti li ma hemmx dubju li l-ingenwita tal-appellant kienet ir-raguni ghala safa vittma tal-estorzjoni ta' Debattista sa certu grad bil-komplicita ta' Azzopardi stante li huwa ma kellux l-esperjenza mehtiega u livell edukattiv li kien tali li seta' jindirizza l-problema serja li kien qed jirrinfaccja u minhabba f'hekk kien partikolarment suxxettibli ghat-theddid u ghall-manipulazzjoni psikologika ta' haddiehor molto piu' billi t-thedid kien indirizzat lejn ibnu stess.

L-Ewwel Qorti hasset li mat-trapass taz-zmien l-appellant zied dettal li ma kienx issemma qabel u rreferiet ghal dettal solitarju li gie rilevat mill-appellant sahansitra ghoxrin sena ilu u cioe' waqt is-seduta tas-17 ta' April 1998. Dan id-dettal kien jirrigwarda incident fejn fl-isfond tal-manipulazzjoni parikat minn Debattista fil-konfront tal-appellant l-istess kien irrefera ghal incident li kien jinvolvi lil persuna bil-laqam il-Wangy. Din il-persuna allegatament kienet intimat lill-appellant permezz ta' machine gun zghir. Skont l-appellant din intbaghtet minn Debattista. Jissottometti li ma hemm xejn inkonswet li l-appellant irrefera ghal Wangy waqt is-seduta tas-17 ta' April 1998 u li rega rrefera ghalih ghoxrin sena wara meta xehed quddiem l-Qorti diversament komposta. Jghid li dak li xehed fit-22 ta' Lulju 2016 kienet linejari u kompatibbli ma dak li kien xehed waqt is-seduta tas-17 ta' April 1998 meta kien hemm Magistrat iehor li kien qed jippresedi fil-kawza.

Skont l-appellant dak li huwa verament decisiv f'dan ir-rigward hu li l-Qorti kienet konvinta li l-appellant kien qed jghaddi l-flus lil Debattista taht theddid ossija b'koercizzjoni. Li ma hemmx raguni ghala l-eccezzjoni tal-koercizzjoni ma gietx moghtija effett mill-Qorti una volta li dawn iz-zewg eleementi kardinali gew provati fil-grad li trid il-ligi. Li l-appellant beza li jirrikorri ghand il-Pulizija billi kien pre-avvizat minn Debattista li huwa kien ikun jaf dwar dan immedjatament. Li ma hemmx dubju li fil-percezzjoni soggettiva tal-appellant fiz-zmien relevanti t-theddida dwar l-eliminazzjoni ta' bin l-appellant keinet 'attwali' u 'reali' u dan matul il-perjodu qasir li fih zvolgew it-transazzjonijiet li taw lok ghal dan il-kaz.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

*'Irid jinghad fl-ewwel lok, illi l-prova li jgib l-imputat dwar it-theddid u minacci li huwa jghid illi ssubixxa minghand Debattista hija x-xhieda tieghu stess. Verament illi Raymond*

*Debattista ghazel li ma jwegibx ghal diversi domandi li sarulu mill- Prosekuzzjoni sabiex ma jinkriminax ruhu u dan certament juri wkoll illi l-istess Debattista ried jghatti xturu u l-involviment reali tieghu f'din il-vicenda kollha, izda fi kwalunkwe kaz, kif diga` inghad izjed 'il fuq, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat kien verament jghaddi l-flus lil Debattista. Irid jinghad ukoll illi l- imputat kellu kull opportunita` li jressaq xhieda ohrajn sabiex jissostanzja x-xhieda tieghu, bhal per ezempju, lill-missier il-mara tieghu, ghaliex skont hu, kien qallu b'dak li kien qed isehh u dan kien anke issuggerielu li jmur ghand il-pulizija. Dan madankollu l-imputat baqa' m'ghamlux. Tinnota wkoll il-Qorti, illi ghalkemm x'aktarx l-imputat verament kien qed jissubixxi xi forma ta' theddid da parti ta' Debattista, biss kif diga` gie osservat izjed 'il fuq, id-dettalji moghtija mill-imputat dwar dan it-theddid komplew jizdiedu, izjed ma kompla jixhed f'dawn il-proceduri u ghalhekk izjed ma beda jghaddi z-zmien. Apparti li kif diga` osservat il-Qorti izjed 'il fuq, l-imputat jiftakar dettal gdid, anke 27 sena wara l-kaz fl-ahhar xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti, lill-Wangi li skont hu, mar ghandu b'machine gun zghir wara li kien mibghut minn Debattista, jsemmih ghall-ewwel darba fit-tielet xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, ossia fis-17 ta' April 1998. Normalment izjed ma jghaddi zmien, wiehed jinsa certu dettal u mhux ikompli jzid mieghu, kif jaghmel l-imputat f'dawn il-proceduri! Tinnota wkoll il-Qorti illi fil-waqt illi fil-bidu, skont l-imputat, Debattista beda jbezza' lill-istess imputat bi proceduri kriminali li kienu ser jittiehdu fil-konfront tieghu, biss fi kliemu stess, l-avukat tieghu serrahlu mohhu dwar dan, u ghalhekk sa hawnhekk, ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni ta' biza' fl-imputat. In oltre f'dan l-istadju, huwa kien qed jigi mhajjar minn Debattista sabiex jiehu l-flus tal- imghallem u jitlaq bihom minn Malta sabiex ihalli l-inkwiet ma' martu warajh. F'daqqa wahda madankollu u dejjem skont l-imputat, dan Debattista beda jheddu li jispara lil martu u lil ibnu, kemm il-darba huwa ma jghaddilux il-flus tad-ditta u dan donnu, skont il-verzjoni tal-imputat, ghal xejn b'xejn. Il-Qorti ghalhekk temmen illi l-imputat mhuwiex qed jghid il-verita` kollha dwar kif dan Debattista wasal sabiex jheddu biex jibda jghaddilu l-flus.*

*Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku din il-Qorti tikkunsidra l-fatt illi l-imputat kien qed jigi mhedded minn Debattista bhala veritier, sal-grad tal-probabbli, fil-fehma taghha ma jirrizultax illi l-forza barranija kienet tali li twassal ghall-iskriminanti kkontemplata fl-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali.*

*Fl-ewwel lok, huwa tassew evidenti illi l-fatti li jikkostitwixxu r-reat u kif spjegati izjed 'il fuq, ma sehhewx f'okkazzjoni wahda, izda certament fuq medda ta' diversi jiem jekk mhux*

*gimghat, stante illi fil-waqt illi fi stadju minnhom fix- xhieda tieghu, l-imputat jghid illi ghadda lil Debattista s-somma ta' Lm22,000 u izjed tard jghid, illi din kienet somma ta' madwar Lm20,000, jghid ukoll illi huwa kien jghaddilu xi drabi Lm1,000 u drabi ohra Lm2,000. M'hemm xejn x'jindika illi Debattista kien qed jhedded lill-imputat waqt dawn l-atti minnu kommessi – effettivament jghid illi kien it-theddid precedenti li wasslu sabiex japproprja ruhu mill-flus tad-ditta u matul iz-zmien li fih huwa diga` kien qed japproprju ruhu mill- istess flus, Debattista rega' heddu biex ma jikxifx dak li kien qed isehh, sakemm fl-ahhar skont hu, heles minnu billi baghtu l-Ingilterra.*

*Huwa evidenti wkoll lil din il-Qorti illi matul dan iz-zmien, l-imputat kellu opportunitajiet ampji sabiex jirregola ruhu. L-imputat innifsu jghid illi dak li kien intqal lilu dwar akkuzi ta' 'manslaughter' ma kellhomx mis-sewwa, u jidher li gharaf sew id-distinzjoni bejn dak li huwa fehem li kienet timporta l-akkuza ta' 'manslaughter' vis-à-vis vjolenza fuq il-persuna ta' martu, tant li dan gie kkonfermat mill-avukat ta' fiducja tieghu ta' dak iz-zmien. Ghalkemm kif jghid hu, sussegwentement beda t-theddid da parti ta' Debattista, minkejja li huwa kellu problemi mal-mara, f'xi zmien kien iltaqa' ma missier il-mara tieghu li, skont hu, kien imlahhaq sew fid-Dwana, u li da parti tieghu kien tah il-parir li kellu jfittex l- assistenza tal-forzi ta' l-ordni u jitkellem mad-dirigenti tad-ditta. Mhux talli ma jidhirx li l-imputat ghamel dan, izda minflok ippersista, minkejja illi sab appogg u konfort f'haddiehor li kien qieghed jiggwidah fit-tajjeb. Fil-fehma tal-Qorti, imbaghad, illi l-imputat jghid illi dan Debattista kien ibezzghu fis-sens illi kien jghidlu illi jekk imur ghand il-pulizija jsir jaf ghaliex kellu hafna hbieb fil-pulizija, hija skuza wisq fjakka, li ma tiggustifikax in-nuqqas komplet tieghu illi jitlob l- assistenza tal-pulizija, izjed u izjed meta wiehed iqis illi dan kollu sar fuq medda ta' zmien u in oltre illi l-uniku pulizija li jsemmi l-imputat u li f'okkazzjoni wahda biss rah jitkellem ma' Debattista, kien certu Ronnie Cilia. L-imputat seta' wkoll fittex l-ghajnuna tad-dirigenti tad-ditta li kienet timpjegah, kif issuggerielu missier martu. Fil-fehma tal-Qorti, din il-forza barranija ezercitata fuq l-imputat minn Debattista ma kinitx wahda irresistibbli, izda tali illi huwa ma fittex li jirrezistiha bl-ebda mod. Ghalkemm l-atti kienu gew diga` minnu kommessi f'dak l-istadju, lanqas meta kien gewwa l-Ingilterra ma ra kif fittex l-ghajnuna tal-pulizija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-imputat jghid illi kien jibza' hafna minn Debattista, huwa xorta ma qghadx ghal dak li qallu sabiex jaghmel ossia fl-ewwel lok, illi joqghod mal-hbieb tal-istess Debattista, izda minflok mar jghix ma' zitu u fit-tieni lok, illi ma jigix lura Malta. Jghid ukoll illi f'dan iz-zmien gewwa l-Ingilterra, fittex l-ghajnuna ta' kuginuh, ossia l-avukat ta' fiducja tieghu, li tah il-parir biex jigi lura Malta u fil-fatt*

*ghamel dan – persuna ohra din, fil-fehma tal-Qorti, illi l-imputat seta' facilment fittex l-ghajnuna taghha meta beda jigi mhedded minn Debattista u illi certament kienet tkun kapaci tiggwidah dwar kif kellu jimxi. L-imputat fittex l-ghajnuna tal-avukat tieghu f'zewg okkazzjonijiet, izda din id-darba ghazel li ma jaghmilx dan. Ghalhekk huwa naqas bl-izjed mod lampanti milli japprofitta ruhu mill-opportunitajiet li kellu sabiex jinnewtralizza t-theddid ta' Debattista.*

*Irid jinghad ukoll illi l-imputat jghid fix-xhieda tieghu illi dak iz-zmien huwa kien ghadu zghir u ghalhekk kien izjed jimpressjona ruhu. Biss il-Qorti tinnota illi l- imputat kellu kwazi erbgha u ghoxrin sena, kien mizzewweg, kellu wild, kien akkwista proprjeta` li fiha kien jghix ma' martu u ibnu u jidher ukoll illi kellu l- fiducja tad-ditta li kienet timpjegah, meta minn delivery man beda jahdem maghha bhala sales representative, xoghol ghalhekk li kien jikkomporta izjed responsabilita`. Sahansitra baqa' l-Ingilterra, il-boghod minn familtu ghal kwazi sena. L-imputat ghalhekk kien kapaci jiehu decizjonijiet importanti u ma kienx xi tifel zghir, li qatt ma hareg minn daru!*

*Fi kliem il-Professur Mamo:*

*"Moral coercion operates as a ground for exemption from criminal responsibility when it completely suppresses the possibility of a normal determination on the part of the person doing or omitting the fact. When it does not attain such a degree of intensity, but leaves to that person the possibility of determining himself one way or another, even with an effort or at some sacrifice, then the old maxim of Roman Law "coactus tamen voluit" applies and the fact is imputable, saving the discretion of the Court to mitigate the punishment within the latitude permitted by law, having regard to the particular circumstances under which the offence was committed".*

*Ghaldaqstant, isegwi illi bil-fatt li l-imputat ippersista fl-agir kriminuz tieghu tul perjodu ta' zmien, minghajr ma ha l-opportunita` li jinnewtralizza l-forza barranija bil-mezzi li taghtih il-ligi, ir-responsabilita' kriminali tieghu mhijiex eskluza ai termini tal-Artikolu 33(b) tal-Kap. 9 u ghalhekk jibqa' pjenament responsabbli ghal dan l-agir.'*

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li Raymond Debattista fix-xhieda tieghu ried jghatti xturu izda permezz tax-xhieda tieghu kkonferma li kien siefer mal-appellant. Giovanni Azzopardi minn naha l-ohra kkonferma li l-appellant kien ghadda flus lil Debattista u li dan Azzopardi kien wassal lill-appellant u lil Debattista lejn l-

Ajruport sabiex siefru lejn l-Ingilterra. Tqis li huwa sinifikattiv kif Azzopardi jghid li l-appellant siefer ghax beda jibza minn habs minhabba inkwiet mal-mara. Ghalhekk din il-Qorti tqis li fuq bazi ta' probabilta' Debattista setgha kien imdahhal f'dak li beda jaghmel l-appellant u kif ikkusnidrat l-Ewwel Qorti, din il-Qorti lanqas ma hija qieghda teskludi li kien hemm xi forma ta' theddid da parti ta' Debattista versu l-appellant. Skont l-appellant Debattista kien heddu bil-mara u bit-tifel u kien safrattant anke biegh id-dar tieghu lil Debattista. Jemfasizza li huwa ma gwadanja xejn u li kien bhal skjav. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fis-sens li anke jekk l-appellant kellu jitwemmen f'dak li jallega fil-konfront ta' Debattista, tqis li l-appellant ma hax l-opportunita' li jinnewtralizza l-forza barranija bil-mezzi li taghtih il-ligi u dan billi jisma' minn missier il-mara li ssuggerixxa li jmur ghand il-Pulizija u li jkellem lid-dirigenti tad-ditta. Ghalhekk lil hin mill-fatt dwar jekk zdidux dettalji minn xhieda ghal xhieda moghtija mill-appellant, din il-Qorti tqis li l-appellant ma prova jirrezisti l-forza barranija. Minkejja li jghid li Debattista kellu hbieb Pulizija, l-appellant lanqas prova jissalvagwarda lil martu u ibnu u dan billi javzahom b'dak li kien qieghed jigi soggett ghalih u dan sabiex jigi assigurat li ma ssirx hsara lilhom. L-appellant kien anke kellem kugin tieghu Avukat li suppost serrahlu rasu li ma setghax jigi akkuzat b'manslaughter. Din il-Qorti tqis ukoll li din ma kinitx istanza ta' darba u cioe' meta l-appellant gie mieghel li jiehu fondi tas-socjeta' li kien jahdem maghha u jghaddiha lil terza persuna u cioe' li persuna li kien hedded lill-appellant, izda kien tali li sar fuq medda ta' zmien u ghalhekk l-appellant kellu diversi opportunitajiet sabiex jinnewtralizza l-forza barranija bil-mezzi li taghtih il-ligi. Filfatt fl- 14 ta' April 2014 l-imputat xehed li '*Roy Debattista li semmejt kompla jippressani. <u>Eventwalment, ma nafx il-ghala</u>, jiena bdejt naghti l-flus lil Debattista. Meta qed insemmi flus, qed insemmi dawk il-flus li jiena kont nigbor minghand il-kliejenti tad-ditta Alf Mizzi and Sons. Jiena kont nghaddielu somom ta' flus, daqqa elf lira u daqqa elfejn Lira.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) L-appellant in oltre' naqas milli jressaq bhala xhieda lil missier il-mara li allegatament kien fetah qalbu mieghu, naqas milli jressaq lil familjari ohra li setghu jaghtu hjiel tal-karattru tal-appellant u kemm kien suxxettibli biex jimpressjona ruhu. Din il-Qorti ghalhekk tqis li ma giex ippruvat li l-forza barranija kienet tali li ma setghetx tigi rezistita, anzi jirrizulta li l-appellant ma pruvax jirrezistiha u ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament ma laqghetx id-difiza tal-koerzjoni. Nonostante dan, din il-Qorti sejra tordna li ssir investigazzjoni dwar

Raymond Debattista maghruf bhala Roy jew Ray Debattista u Giovanni sive John Azzopardi ghal kwalunwke involviment li dawn setghu kellhom fir-reat li l-appellant gie akkuzat bih.

Ghalhekk it-tieni aggravju u cioe' dak bl-ittra 'B' qieghed ukoll jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-quantum li l-appellant allegatament approprja fl-interess ta' Debattista. Jissottometti li l-onus probandi jiggrava fuq il-prosekuzzjoni li hija tenut li tiprova l-kaz taghha fil-grad tal-konvinciment morali b'mod li ma jibqa' ebda dubbju dettatt mir-raguni dwar il-htija tal-imputat u ghalhekk jekk dan il-grad ta' prova ma jigix raggunt, allura l-Prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova l-kaz taghha fil-grad li trid il-Ligi. L-imputat ma hu obbligat li jipprova xejn, u di fatti jista' jaghzel li ma jixhidx jew li jressaq kwalsiasi prova in sostenn tat-tesi tieghu ta' non-reita'. Jekk jaghzel li jipprova xi haga huwa bizzejjed ghall-imputat li jipprovaha fil-grad tal-probabilita' stante li dan ipso facto jkollu l-effett li jnissel dubbju ragonevoli u konsegwentement li jimmina l-grad ta' prova li l-Prosekuzzjoni tinhtieg li tilhaq u dan eslussivament jew flimkien ma provi diretti u/jew indrizzjarji ohra li jirrizultaw fil-kors tal-process. Il-Qorti kkonkludiet li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-quantum li allegatament kien gie appropjat stante li l-ufficjali tal-istess socjeta' li kienu ghamlu stharrig fir-rigward ma kienux tressqu bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni. Mill-banda l-ohra, l-Ewwel Qorti irritieniet li x-xhieda tal-appellant fis-sens li "minghalih" il-quantum involut kien jammonta ghal bejn LM20,000 u LM22,000, kien adegwat biex jiprova fi grad ta' probabilita' il-quantum involut.

Jisottometti li t-terminu "minghalih" huwa evidentement klassifikabbli fil-kamp tal-possibli, liema grad ma ghandu ebda portata probatorja. Ix-xhieda tal-appellant ma kinitx ibbazata fuq provi konkreti izda fuq mera kongettura, komputazzjoni arbitrarja minghajr ebda provi konsistenti f'dokumentazzjoni jew provenienti mix-xhieda ta' etzi intizi li jsahhu din l-asserzjoni. Jissottometti li c-cifra relevanti baqghet "indeterminata" u ghalhekk klassifikabbli fl-isfera tal-possibilita'. Una volta li c-cifra involuta baqghet mhix kwantifikata, l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkwantifikaha b'mod arbitrarju ghab-bazi tal-kongettura tal-appellant. Jissottometti fost sottomissjonijiet ohra li una volta li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha

fil-grad li trid il-Ligi, dan in-nuqqas ma jistghax jigi kumpensat u kolmat billi tigi accetata bhala prova cifra arbitrarja li fettillu isemmi l-appellant li m'hiex ibbazata fuq provi inekwivoci u inkonftuabbli li jikkonfermaw li c-cifra li semma l-appellant hija korretta.

L-Ewwel Qorti dwar l-ammont mertu tal-ewwel imputazzjoni qieset li:

'*Ghalkemm fix-xhieda tieghu, Brockdorff semma' l-figura li skont id-ditta, kellha tithallas lura lill-istess ditta mill-imputat, l-istess xhud jghid ukoll illi din il-figura waslu ghaliha wara xoghol ta' stharrig li sar minn ezekuttivi tal-kumpanija, liema ezekuttivi baqghu ma xehdux f'dawn il-proceduri u ghalhekk dan l-ammont baqa' ma giex ikkonfermat minn min hadem fuqu. X'aktarx huwa wkoll il-kaz, illi dak iz-zmien kien hemm ukoll flejjes illi l-imputat kien ghadu ma gabarx minghand klijenti tad-ditta meta huwa telaq minn Malta habta u sabta u ghalhekk dawn mhux necessarjament kienu flejjes li huwa kien approprja ghalih inniffsu jew ghal Debattista. Tqis ukoll illi la darba l-imputat gie akkuzat u qed jinstab hati biss bir- reat ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kap. 9, il-Qorti tista' biss issib htija dwar dawk il-flejjes li huwa approprja ruhu minnhom minghajr jedd ai termini tal-imsemmi Artikolu 293. La darba l-imputat jammetti fix-xhieda tieghu li dawn il-flejjes kienu jammontaw "minghalih" ghas-somma ta' Lm22,000 u f'parti ohra tax-xhieda tieghu jghid illi dawn kienu jammontaw ghal madwar Lm20,000, in osservanza tal- principju illi d-dubju ghandu jmur favur l-imputat, il-Qorti qed issib htija fir- rigward ta' din l-ahhar somma, ekwivalenti ghas-somma ta' €46,587.47.*'

Fis-seduta tal- 14 ta' April 1993 l-imputat xehed li '*Minghalija b'kollox ghaddejt lil dan Debattista is-somma ta*' *LM22,000.*' Fis-seduta tas-17 ta' April 1998 xehed li '*Issa hawnhekk qed niftakar li lilhom kont tajthom madwar Lm20,000. Hawnhekk Roy Azzopardi issuggerili li jien nohrog invoices fuq klijenti ohra sabiex lilu u lill-ohrajn naghtiehom ix-xoghol.*' Fis-seduta tat- 22 ta' Lulju 2016, l-imputat xehed li ***'Dawn ma kienux kuntenti li hadu 20,000 jew 21,000***. *Infatti bdew jaghmlu pressure kbira u bdew jheddu iktar biex nghaddi x- xoghol, trakkijiet shah infatti ghal ghandhom imma ma jkunx fuq isimhom...*'

Din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li l-appellant xehed dwar ammonti li huwa ghadda lil Debattista, il-prova tal-kwantum ma tispettax fuq l-imputat sabiex iressaqa. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-ammont li gie approprijat minghajr jedd. Victor Brockdorff fis-seduta tal- 14 ta' Marzu 1991 xehed li l-bilanc tal-kont li l-

imputat kellu mad-ditta fil-11 ta' Dicembru 1989 kien ta' LM54,676.20c3m. Xehed li prezentament il-kont tal-imputat Christopher Cassar vis-a- vis id-ditta jammonta ghal flus dovuti lilhom ta' LM52,419.20c.9m. Gie prezentat ledger sheet immarkat bhala VB3 a fol 55 f'isem l-imputat li sal-ahhar tas-sena elf, disa' mija u disgha u tmenin (1989) il-bilanc naturalment f'Liri Maltin kien jammonta ghal 51,101.363 filwaqt li fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991) kien jammonta ghal 52, 419.209 u ghalhekk fil-mori tal-proceduri sa meta gie prezentat dak id-dokument. Din il-Qorti tqis izda li dan l-ammont mhux necessarjament jirraprezenta flejjes li gew approprijati minghajr jedd izda jistghu jirraprezentaw flejjes li qatt ma ngabru minghand klijenti. Victor Brockdorff xehed ukoll li '*in rigward dawk in-nies li avicinajna fl-investigazzjonijiet taghna u li kienu qalullna li hallsu il-ammont kollu dovut lis-salesman bahala ammont dawn kienu jammontaw ghal erbat elef, seba mina u sitta u hamsin liri maltin disa u sebghin centezmu u sitt millezmi (LM4,756.79c6M)*

*Dawn il-flus kienu dovuti kollha lil-kumpanija mill-klijent. Dawn il-klijenti meta kellimniehom urewna id-dokumenti ukll li kien jindika li kienu hallsu lil Christopher Cassar.*' Huwa esebixxa fotokopji ta' dawn id-dokumenti. Jirrizulta li ghalkemm fit-traskrizzjoni hemm imnizzel li dawn gew immarkati bhala Dok VB5, din il-Qorti qieghda tifhem li d-dokument relattivi huma parti mid-dokumenti misjuba fl-envelop immarkat bhala Dok VB4. Jirrizulta izda li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella lil dawn il-klijenti sabiex jixhdu dwar u jikkonfermaw li l-invoices prezentati kienu filfatt imhallsa lill-appellant. Filfatt jirrizulta li ghalkemm wahda minn dawn l-invoices tghajjat lil Mary Cachia, u jirrizulta li xhud b'dan l-isem xehdet f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li hija giet mistoqsija tikkonferma li halset din l-invoice prezentata.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dan l-ammont u lanqas fuq dokumenti mressqa gialadarba ma tressqix prova fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni mehtiega fil-kamp penali tal-ammont li gie approprijat minghajr jedd. Ghalkemm dokumenti mressqa jistghu iservu bhala prova ta' dak dovut mill-appellant versu s-socjeta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited, ma tressqitx prova x'kien l-ammont li kien gie approprijat minghajr jedd. Il-Qorti lanqas setghet toqghod fuq dak li xehed l-appellant stante li kif inghad ma jispettax fuq l-appellant izda jispetta fuq il-

Prosekuzzjoni li tiprova dan l-ammont. Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tikkonferma li l-appellant huwa hati ta' approprijazzjoni in debita, din il-Qorti mhijiex tikkonferma htija fl-ammont indikat mill-Ewwel Qorti ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) ekwivalenti ghal sitta u erbghin elf, hames' mija u sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu(€46,587.47) stante li fil-fehma ta' din il-Qorti l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova il-quantum tal-appropriazioni indebita . Jibqa' naturalment impregudikat id-dritt tal-parti leza sabiex tirkupra dak soffert minnha.

Konsegwentement, dan ghandu impatt fuq il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-Ewwel Qorti. Il-fedina penali tal-appellant ma hijiex netta izda lanqas hija wahda allarmanti. Din il-Qorti tqis li la darba l-ammont approprijat ma giex ipprovat, din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn l-appellant gie ikkundannat ghal piena ta' tnax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin izda qieghda minflokk tikkundanna lill-appellant ghall-**piena in vigore fiz-zmien meta sehh ir-reat u cioe fl-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989**) u ghalhekk stante li l-ammont mertu tal-approprijazzjoni in debita baqa ma giex determinat, din il-Qorti ser ikollha tapplika l-piena skont l-artikolu 310(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' dak iz-zmien. Ghalhekk l-appellant sejjer jigi kkundannat ghal ghoxrin (20) gurnata prigunerija, liema piena qieghda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tigi sospiza ghal zmien sena (1) mil-lum.

Sejra tirrevoka fejn *ai termini* tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat sabiex l-imputat ihallas lid-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. is-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46, 587.47).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u qieghda filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti ma sabitx htija tat-tieni (2) imputazzjoni, tikkonferma fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputzzjoni izda ghar-ragunijiet indikati qieghda tirrevoka fejn instabet htija fis-somma ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghal sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47). Qieghda ghalhekk tirrevoka l-piena ta' tnax (12)-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin *ai termini* tal-artikolu 28A tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda qieghda minflokk tikkundanna lill-appellant ghal ghoxrin (20) gurnata prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tigi sospiza ghal sena (1) mil-lum.

Din il-Qorti tirrevoka ukoll fejn l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata obbligat lill-appellant sabiex *ai termini* tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ihallas lid-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. is-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46, 587.47).

Din il-Qorti taghmilha cara li jibqa' impregudikat id-dritt tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd li tipprocedi bi proceduri legali Civili kontra l-appellant sabiex tirkupra l-ammonti dovuti lilha.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Din il-Qorti tordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Raymond Debattista maghruf ukoll bhala Roy jew Ray Debattista u lil Giovanni sive John Azzopardi ghal kwalunkwe involviment li setgha kellhom fir-reat li l-appellant instab hati permezz tas-sentenza appellata konfermata minn din il-Qorti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur